Newspaper Post

żminijietna
leħen ix-xellug

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru. 1 | Jannar-Marzu 2009 | 40c

*Fil-paġni ta' ġewwa ......*

## Jekk l-abbozz jgħaddi "jġib ħafna u ħafna inġustizzji" – Toni Abela

Meta Dr.Toni Abela, deputat kap tal-Partit Laburista kien mistoqsi dwar ir-riforma fil-liġi tal-kera huwa wieġeb li "Jekk l-abbozz tal-liġi jgħaddi kif inhu, se jġib ħafna u ħafna inġustizzji". Abela identifika r-romol, l-aħwa u t-tfal bħala dawk l-aktar f'riskju li jitilfu s-saqaf li għandhom fuq rashom jekk l-abbozz preżentat mill-Gvern isir liġi.

Waqt l-intervista, Żminijietna ma qagħditx lura milli ssemmi l-Każini (rekwiżizzjonati jew b'kera kkontrollata) li l-Partit Laburista għandu fil-lokalitajiet, u provat titkixxef jekk dawn għandhomx imnejn iżommu lill-PL joqgħod pass lura fil-mod kif jikritika l-abbozz.

F'din l-intervista jissemma' wkoll l-operat tal-Partit, it-taħriġ li l-PL qed joffri u anke l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. F'waqt minnhom Dr. Abela jagħti raġuni għalfejn beħsiebu jmur il-Vatikan. ***L-intervista sħiħa ssibuha f'paġni erbgħa u ħamsa.***

## Il-Marxiżmu u r-reliġjon

Andre D'Amato janalizza kif għal Marx ir-reliġjon, flok tgħin sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-bniedem sfruttat, ittellef.

Huwa jurina kif Engels jinterpreta r-reliġjon bħala forza simbolika li tiżviluppa b'forzi soċjali antagonisti għal xulxin.

Fl-istess waqt joqtol il-mit li jħuf madwar l-istqarrija ta' Marx li "r-reliġjon hija l-oppju tan-nies". *Ara l-artiklu f'paġna 6*

## Politika Ekoloġika għal Ewropa Soċjali

Michael Briguglio janalizza l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u jisħaq li bosta sfidi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali jmorru li 'l hinn mill-fruntieri nazzjonali u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq.Huwa jispjega il-"Green New Deal" li l-partiti Ħodor qegħdin jemfasizzaw biex jinħolqu miljuni ta' mpjiegi sostenibbli. *Ara paġna 3*

## Misreading history

James Debono jispjega kif il-"qari ħażin" ta' l-istorja jagħti immunita' lid-delitti tal-gwerra Iżraeliti f'Gaza u l-artijiet okkupati. *Ara paġna 8*

# Il-ħaddiema mhedda u l-partiti rieqda

minn **Christopher Cutajar**

Jekk fl-elezzjoni ġenerali li għaddiet il-kwestjoni tax-xogħol ma kienetx fil-quċċata ta' l-aġenda taż-żewġ partiti l-kbar f'Malta, issa qed jindunaw li ċertament din il-kwestjoni jixirqilha dan il-post. Sena ilu, Żminijietna kienet ippubblikat poster maħruġ minn Żminijietna Żgħażagħ tax-Xellug fejn kien jagħti messaġġ ċar li "Id-Dritt tax-Xogħol huwa Dritt Fundametali". Dan id-dritt fundamentali qed jiċċaħħdu minnu aktar persuni f'dawn l-aħħar ġimgħat.

Għalkemm huma s-26 ħaddiem tal-FAL Malta Ltd., il-102 sensji tat-Trelleborg u l-450 sensja pjanata fl-ST, l-iżjed li jagħmlu ħoss f'pajjiżna, hemm sensji li qed jingħataw lil dawk li jkunu rreġistrati bħala self-employed. Persuni li jkunu mġiegħlha jirreżenjaw minn posthom sabiex jagħtu lok għal impjiegi b'inqas kundizzjonijiet. Jew agħar minn hekk, għal impjieg anqas fis-suq tax-xogħol.

Dawn is-sensji jdaħħlu lil familji sħaħ f'inċertezzi kbar, u ċertament jimminaw il-kwalita' tal-ħajja ta' min ikun milqut. Bil-kontijiet eżaġerati tad-dawl u l-ilma, u bl-Awtorita' Maltija għar-Riżorsi (MRA) minn għaliha li tista' tiddieħek f'wiċċ l-Unjins li qed jippillaw magħha rigward il-piżijiet eżaġerati tat-tariffi, il-ħaddiema milquta mis-sensji jħossuhom bħal dak il-ħmar il-magħkur li dar għalih id-dubbien.

Ħaddiema oħra li ġew milquta huma ċertament dawk l-1208 impjegat minn disa' kumpaniji differenti. Dawn ġew sfurzati jaħdmu erbat ijiem fil-ġimgħa, b'inċertezza jekk l-impjieg tagħhom hux sejjer jinżamm jew le. L-intervent li sar mill-Gvern mall-kumpanija Methode kien wieħed pożittiv. Il-kuntradizzjoni hi li wara li l-Gvern taqqal lill-industriji u lill-familji bil-piżijiet tat-tariffi tad-dawl u l-ilma, qed ikun hu stess li jidħol għas-sokkors ta' wħud minnhom.

Quddiem dan kollu l-ħaddiema Maltin għandhom raġun iħossu lill-immigranti rregolari, hafna minnhom Afrikani, f'pajjiżna bħala theddida għall-ħobża ta' kuljum. Bl-istess mod jitqiesu dawk li jiġu minn pajjiżi bħas-Serbja, l-Bulgarija u r-Rumanija sabiex jaħdmu f'Malta b'kundizzjonijiet anqas minn dawk permessi bil-liġi.

Ma jidhirlix li l-Gvern Malti qed jaħdem biżżejjed sabiex jirregolarizza aktar is-suq tax-xogħol. Tali regolamentazzjoni ġġib lill-ħaddiem Malti lest li jidħol għal xogħol li għalkemm assoċjat ma' tbatijiet fiżiċi, ikun jirrendi qliegħ diċenti lilu u lill-familja tiegħu/tagħha. Suppost kellna nersqu biex ikollna aktar xogħol u xogħol aħjar. Bil-pajjiż jaffaċċja anqas impjiegi, il-Gvern għandu jagħmel l-għalmu tiegħu aktar biex jara li l-ispazji tas-suq tax-xogħol f'pajjiżna ikunu kollha addattati għall-ħaddiem Malti u anke għal dak li jiġi minn barra. Inkella inkunu biss qed nagħtu lok għal tipi ta' 'no go zones' fis-suq tax-xogħol Malti liċ-ċittadini Maltin.

L-Unjoni Ewropea tidher li qed tibgħat messaġġi kontradittorji dwar il-kwestjoni tax-xogħol. Il-Qorti Ewropea qed tieħu deċiżjonijiet li jagħtu lok għall-esportazzjoni ta' kundizzjonijiet inferjuri ta' xogħol bejn il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea infushom, bħal fil-każ Laval Vaxholm (Aqra l-artiklu ta' David Pisani). Min-naħa l-oħra għandek il-Parlament Ewropew li beħsiebu jgħaddi liġi li tikkastiga bl-aħrax lil dawk li jħaddmu l-immigranti b'mod illegali. Fost il-penali hemm il-ħlas ta' pagi b'lura f'livelli mitluba mil-liġi; li jkunu mċaħħda milli jidħlu għal tender pubbliku fl-UE; u li ma jirċevux għajnuna mill-istat. Ħabs u multi għoljin huma wkoll imsemmija. Nisperaw li liġijiet bħal dawn, meta jkunu approvati jibdew ikunu wkoll infurzati.

Dawn il-kontradizzjonijiet jagħmlu għajb lill-UE, u għalhekk l-għajta ta' Ewropa Soċjali mill-Partiti Ħodor u Xellugin f'Ġunju li ġej għandha mnejn tinstema' bħal eku għas-sentiment tal-ħaddiema. Liema ħaddiema qed jaraw is-sitwazzjoni tagħhom fis-soċjeta' b'ħafna anqas xinxilli milli kienu jarawha qabel faqqgħet il-maltempata tal-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija.

F'Diċembru li għadda l-qgħad f'Malta laħaq is-6,373 persuna, u fiż-żmien li għadda s'issa, is-sitwazzjoni ċertament li ma marritx għall-aħjar. Il-GWU hija l-aktar unjin li qed ikollha ħokk rasha f'dan il-mument, peress li l-kategoriji ta' ħaddiema li tirrappreżenta ġejjin mill-aktar settur milqut mit-tqaċċit u t-tnawwir tal-impjiegi, ċjoe' dak tal-manifattura. Ma nagħtix tort lill-unjins li jħossuhom mexjin f'għalqa mimlija mini, li lesti jisplodu ma' kull rifsa żbaljata. Jekk l-unjins juru ruħhom li għandhom saħħa akbar milli verament għandhom, jistgħu inaffru l-impjiegi minn pajjiżna. Filwaqt li jekk juru ruħhom dgħajfa jkunu qed jagħtu spazju għat-twettieq tal-pjani mingħajr ħniena li s-sidien tal-kumpaniji jkollhom fi ħsiebhom. Jagħmlu dan mingħajr ma jqisu s-saram li jkunu se jdaħħlu fih lill-familji u lil koppji żgħażagħ. Min ikun miexi fuq ħabel stirat, iżidulu n-nar jaħraq tielgħa minn taħtu.

Għalhekk ma niddejjaqx intenni dak li Żminijietna ilha tħambaq fuqu, ċjoe' li tissaħħaħ l-għaqda bejn l-unjins. Għandna l-fortuna li fejn pajjiżi oħra, huma 62% tal-ħaddiema li qiegħdin f'unjin (statistika tal-2005).

Għalkemm dan in-numru huwa iċken minn tal-pajjiżi Nordiċi, jaqbeż sew il-medja tal-pajjiżi fl-UE li qiegħda 25%. Fl-aħħar mill-aħħar ma humiex dawn in-numri li jgħoddu, iżda kemm ikollok xenarju fejn il-ħaddiema lesti jistinkaw biex jieħdu dak li jmisshom fil-mument tal-ħtieġa. Mingħajr unjins magħqudin, dan ix-xenarju se jibqa' jinħass fil-bogħod. Il-UĦM għandha turi aktar disponibilita' f'din il-kwistjoni, għaliex il-logħba tat-trampolin ma tagħmilx ġieħ lir-rappreżentanti tal-ħaddiema.

Il-Gvern imissu jaf illi billi joqgħod jilgħab bin-numri ta' kemm se jitkeċċew ħaddiema mill-ST, m'hu se jkun qiegħed isolvi l-ebda problema. Ikun aħjar li jxammar il-kmiem u jgħolli l-kalzetti biex flok ikompli jippersisti li jkabbar l-ekonomija bil-logħob ta' l-azzard, is-servizzi finanzjarji u b'xi ħofra kbira fil-Belt, ikabbar l-ekonomija b'attivita' produttiva li tpoġġina f'qagħda li nimportaw anqas u nesportaw aktar.

www.xellugi.blogspot.com



# Il-kultura u x-xellug

minn **Michael Grech**

Problema ewlenija li għandu x-xellug f'Malta, hi problema kulturali. B'kultura hawnhekk mhux qed nifhem kunċerti, mużewijiet, drammi u l-bqija; kif spiss tiġi wżata din il-kelma. B'kultura qed nifhem il-modi ta' kif grupp/i jaġixxu, jorganizzaw ħinhom u ħajjithom; ifasslu lil u jintrabtu mal-istituzzjonijiet tagħhom; jikkunsidraw it-tajjeb u l-ħażin; u jħarsu lejn u jagħmlu sens mid-dinja ta' madwarhom.

F'soċjetà hemm aktar minn kultura waħda. Il-kultura jew il-kulturi li wieħed isib f'soċjetà, għanda/hom rabta mal-klassijiet li f'soċjetà wieħed isib; mir-rabtiet, konflitti u r-relazzjonijiet ta' bejn klassi/jiet u oħra/jn. Issa hemm kulturi jew aspetti ta' kulturi li fis-soċjetà huma apprezzati u privileġġjati; u hemm oħrajn li huma mbarrija jew meqjusa b'mod ħażin. B'xi mod dan hu marbut mar-rabtiet ta' bejn il-klassijiet.

Hemm ukoll fenomeni kulturali li jroddu saħħa lil klassi u jgħakksu lil oħra. Mhux bilfors kull aspett jew fenomenu kulturali marbut ma' klassi jirrappreżenta il-ġid jew l-interessi ta' din. Hemm, ngħidu aħna, bosta fenomeni kulturali tal-klassi tal-ħaddiema li flok iwieżnu l-interessi ta' din jew jgħinuha tibdel il-fasla tas-soċjetà favura, jġielgħuha taċċetta l-fasla soċjali preżenti li qed tbarrijha mill-poter. Il-festi ngħidu aħna, għal ħafna snin kienu jirriproduċu dinja fejn hemm qasma bejn min hu 'midluk', hu iċ-ċentru tal-avveniment u jmexxi u jordna, u min jagħmel xogħol tal-id, jagħmel parti mill-folla u jagħmel ix-xogħol ta' akkoltu li jdawwar il-protagonist. L-istess jistà jingħad għall-kaċċa, li apparti l-problema tal-vjolenza li d-delizzju jinvolvi, tirriproduċi t-twemmin li min iqis lilu innifshu 'superjuri' għandu dritt jaħqar lil min mhux, u jafferma s-superjorità tiegħu billi jgħakkes lil min iqis li hu inferjuri għalih. Sfortunatament, ħafna milli jipprattikaw dan id-delizzju u li allura jirriproduċu dan it-twemmin, huma dawk li fis-soċjeta jsofru minn tip ta' twemmin; din id-draba f'rabta li tinvolvi persuni u klassijiet soċjali.

**Lejn fejn tħares?**

U l-politika xellugija? Spiss f'pajjiżna hemm żewġ tipi ta' attitudni minn għaqdiet u istituzzjonijiet xellugin.

Fuq naħa hemm dawk li ġeneralment m'għandhomx attitudni kritika lejn dak li l-maġġoranza tal-poplu jew tal-ħaddiema jaħsbu. Meta *issue* tqum, jimxu kif jidrilhom li qed jonfoħ ir-riħ; kif il-maġġoranza qed tħoss jew taħseb. Il-partit Laburista, u xi drabi l-*General Workers Union*, spiss wrew din l-attitudni. Hekk jekk dawn kien jidhrilhom li l-maġġoranza jew numru kbir ta' ħaddiema jew ta' dawk li jivvotawlhom huma favur il-kaċċa, huma kontra l-immigranti (stmerrija li hi wkoll marbuta ma fenomeni kulturali bħal ideat żbaljati li dawn huma ta' xi ċiviltà inferjuri, u n-nuqqas ta' għarfien li dawn ukoll huma sfruttati u li dawk li qiegħdin Malta jaħdmu huma wkoll parti mill-klassi tal-ħaddiema), jew ma jħossux il-bżonn li jużaw diskors inklussiv; dawn jew ma jikkommetux ruħhom jew saħansitra jappoġġaw impliċitiament jew espliċitament dawn il-pożizzjonijiet kulturali żbaljati. Ir-raġunijiet għal dan jistgħu ikunu diversi; ma jarawx dawn il-problemi minħabba limiti kulturali; opportuniżmu politiku, u raġunijiet oħra.

Hemm tendenza oħra, ħażina daqs l-ewwel waħda; tendenza li bdiet tidher mhux ħażin dawn l-aħħar snin. Din hi t-tendenza li dawn il-kwestjonijiet kulturali jiġu mifhuma waħidhom; b'mod astratt u bla ebda rabta mas-soċjetà magħmula minn klassijiet li fiha dawn il-fenomeni kulturali jseħħu. Din hi tendenza li spiss hi mrewħa mill-*media* u mill-gażżetti bl-Ingliż, fosthom korrispondenti li kontra l-kaċċa u favur l-immigranti, imma li jqisu lin-nies tan-naħa t'Isfel ta' Malta, l-aktar lill-Laburisti, bħala xi speċi inferjui li jkun aħjar għal nies bħalhom li ma jitħalltux wisq magħhom. Ovvjament, dawn il-*media* ma jindunawx li bosta minn dawk li qed jitkażaw bihom qed jirriproduċu l-istess mudelli ta' esklużjoni u ħakma li min hu sid din il-*media* u interessi oħra alleati lejhom imponew fuq dawn li finalment huma vittmi.

Spiss hemm it-tentazzjoni li argumenti bħal dawn jew xi verżjoni tagħhom jiġu mħaddna minn għaqdiet u istituzzjonijiet xellugin għal diversi raġunijiet. Raġuni tistà tkun l-oriġini borgiża ta' wħud li f'dawn l-għaqdiet jaħdmu. Raġuni oħra, miġjuba l-aktar minn partiti u gruppi qrib dawn, tistà tkun li b'hekk tiġi mirbuħa l-hekk imsejħa 'klassi tan-nofs'. Issa kull analiżi li tħalli barra l-kunċetti ta' klassi, sfruttar u oħrjan, mhux biss hi soċjoloġikament ħażina, imma tradiment għal dawk il-klassijiet u gruppi li għalihom il-partiti u l-gruppi tax-xellug suppost twaqqfu.

**Allura?**

Ix-xellug għalhekk għandu jaġġorna ruħu f'dik li hi analiżi ta' fenomeni kulturali. Ix-xellug għandu jħoss li hemm xi ħaġa ħażina meta juża d-diskors u l-kategoriji tal-ħsieb tal-kultura dominanti; joqgħod b'seba'mitt għajn meta juża kliem spiss qarrieqa bħal 'nazzjon', 'ġid komuni' u 'patrija', u mingħajr dommatiżmi jagħraf mill-ġdid li l-analiżi Marksista m'għaddhiex żmienha, anzi hi attwali aktar minn qatt qabel.

Għandu jaġġorna ruħu wkoll, jekk mhux saħansitra jibda mix-xejn, djalogu veru mal-klassijiet soċjali u mal-gruppi li għalihom jeżisti; ma dawn kif jeżistu fir-realtà u mhux fil-kotba. Il-problema hi l-partit ewlieni tax-xellug jippreferi televiżjoni banali u attivitajiet tal-massa li huma verżjoni l-aktar reċenti ta' xalata, waqt li gruppi iżgħar inbidlu fi kważi settet li jippriedkaw biss li min ġa ikkonverta. L-isfida hi, l-aktar issa li l-kriżi tal-kapitaliżmu ser tinħass sew, kif ser nagħmlu biex nilħqu lill-ħaddiem u lil oħrajn li m'għandhomx setgħa qabel ma jidħol ħaddieħor?

## Poverty may lead to delinquency

**Mary Anne Zammit**

No matter how progressive a particular society may be, delinquency always prevails. Juvenile Delinquency, arises from socio personal disorganization and experiences that shape behavior problems and a result of socio economic failure.

These are among the multitude of factors which lead someone to engage in delinquent behavior but poverty and lack of acceptance are also amongst the leading factors. Poverty can present itself in many facades but mainly it is linked to inadequate income resources. In our modern days we still get millions of people across Europe who are facing poverty.

This reality is also affecting the Maltese scenario, even though at times it is denied by some who try to portray a totally different picture of this situation. Yet, the recent study undertaken by the National Commissions of the Family and which was presented to the parliamentary committee for social affairs adhere to this reality. The report which was conducted by Dr. Angela Abela and Rev. Dr. Charles Tabone indicates that 21% of children in Malta live in relative poverty.

Whilst, numerous opportunities are being created for our children in order to help them expand in their talents, other children coming from disadvantaged backgrounds are being left behind.

According to the report, children who are experiencing poverty and living in poor conditions do not achieve at school and are secluded from social life and other activities. In the long term the possibilities for them finding a decent job are highly unlikely as with lack of skills and education they become unemployable and the chances of delinquency are high.

The findings of the study should come as a warning if we want to provide a better future for our children. Enhancing Social policy measures would definitely ensure that there is more equality in areas such as education, health and housing ensuring that all children live in a healthy upbringing.

M.A.Zammit has a Diploma in Applied Social Studies(Social Work), PQ Diploma in Probation Services

# Aħdem, Ixtri u Kkonsma

**minn**

**Alfred Consiglio**

Matul is-snin ħamsin, fi żmien meta l-Amerika kienet f'riċessjoni, ħafna mħuħ liberali abbozzaw dak li kellu jkun wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-kapitaliżmu globali fis-snin li kellhom jiġu. Ħafna argumentaw li l-ekonomija produttiva enormi tal-Amerika tiddomanda li nagħmlu l-konsum bħala mod ta' ħajja, li tikkonverti x-xiri u l-użu tal-affarijiet f'ritwal, li tfittex is-sodisfazzjon spiritwali fil-konsum. Riedu l-ħtieġa li l-oġġetti jkunu kkunsmati, maħruqa, mibdula u mormija b'rata aċċellerata.

B'hekk iddaħħal il-konsumeriżmu tal-massa. Infatti l-ħtieġa inevitabbli li aħna naħdmu iebes u nonfqu ħafna hija mtambra f'moħħna sa mit-twelid. Iżda filwaqt li din il-formula maġika materjalista hija effettiva sew biex tlembet profitti kbar għal nies super-sinjuri, il-ħolma konsumista qed issir twerwir ta' proporzjon katastrofiku li jhedded li jkaxkarna ma' riefnu distruttiv.

Bla dubju l-ħolma konsumista issa ppenetrat kull rokna ta' ħajjitna, miżmuma tifflowtja b'reklamar massiċċ. Strateġiji tas-suq huma wżati biex taqbadna ferneżija ta' konsum li tgħallimna li sabiex ikollna valur u hena rridu nonfqu, nonfqu u nonfqu.

Strateġiji ta' reklamar deliberatament jiddiżinjaw oġġetti li ma jibqgħux mal-moda, filwaqt li strateġija oħra tikkonvinċina li għalkemm l-oġġett li għandna għadu tajjeb u jiffunzjona, irid ikun aktar avvanzat biex inkunu bħan-nies! L-istrateġija tikseb dan billi tibdel il-kulur u l-istil u tteġġigħna nikkonsmaw biex nimxu ma' l-aħħar moda f'ħajjitna. Kompjuter, telefown ċellulari, TV u CD malajr isiru skaduti; karozzi intenzjonalment jinbnew li wara xi snin ikollok tibdilhom. L-aċċessorji tal-moda u l-ħwejjeġ kontinwament jinbidlu sabiex iż-żgħażagħ ikollhom f'hiex jonfqu flushom.

Iżda filwaqt li dan iċ-ċiklu bla tmiem ta' produzzjoni u konsum joħloq ġid enormi għal ftit fil-quċċata tas-soċjeta`, il-ħlasijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali huma profondi. L-estrazzjoni ta' materja prima teqred l-ambjent. Popli sħaħ, speċjalment dawk f'pajjiżi fqar, huma sfurzati li jitilqu artijiet missirijiethom hekk kif l-industrija tidħol biex tikseb il-materja prima meħtieġa. Raffinar ta' materjal f'oġġetti mmanifatturati u kontenituri jlellxu jipproduċu miljuni ta' tunnellati ta' skart industrijali. Il-ġarr tal-oġġetti lejn il-ħwienet madwar id-dinja kollha jaħraq aktar rizorsi li jiġġenera aktar tniġġiż.

Huwa fatt magħruf li l-kultura konsumista ta' kompetizzjoni ħarxa tagħti bidu għal stat ossessiv u emozzjonali li jwassalna lejn ansjeta` kuxjentement jew b'mod bla ma tinduna; reklamar massiċċ għandu l-effett li jipproduċi skuntentizza kkurata temporanjament b'terapija ta' xiri vvizzjat ferm. Li timmanifattura ħtiġiet artifiċjali u n-nuqqas ta' sodisfazzjon fil-bejgħ u x-xiri tal-oġġetti u s-servizzi hu dak li hu u jagħmel il-kapitaliżmu.

Iżda l-effetti ta' ħsara bl-iskuntentizza m'humiex illimitati għal adulti biss. Li tinkoragixxi lit-tfal li jikbru qabel iż-żmien sservi l-ekonomija billi tqanqal infieq fuq kosmetiċi, mużika, moda u ornamenti oħrajn tat-tfulija. Il-film ***Supersize Me*** ta' Morgan Spurlock espona kif l-industrija tal-*junk food* deliberatament hija ntenzjonata li tolqot lit-tfal b'reklamar ta' *feel good*, ippremidata biex tagħmel il-konsum tal-prodotti li huma ta' ħsara għas-saħħa bħala drawwa ta' kuljum.

Bl-inugwaljanza soċjali, riċessjoni u l-ħajja dejjem tgħola li twassal ħesrem għal faqar dejjem jiżdied, is-sistema qed turi bżonn urġenti, mhux għal riforma, iżda għal taqliba sħiħa.

*Editorjal*

# Il-qawwa tas-Soċjeta' Ċivili

Id-deċiżjoni tal-Prim Ministru Gonzi li jwaqqa' l-proġett imħejji għall-Katidral ta' San Ġwann tat ħafna spunti x'wieħed jixtarr. Fatt kurjuż minn din il-kwestjoni hija li d-deċiżjoni li jitwaqqaf kollox ittieħdet mill-Arċisqof flimkien ma' Gonzi, fuq il-premessa li dan il-proġett kien ser "ikun element li jifred il-poplu Malti". Il-premessa kienet żbaljata, għax il-poplu deher magħqud fil-ħsieb tiegħu kontra dan il-proġett.

Il-kuxjenza ambjentali tal-poplu m'għadhiex xi ħaġa li wieħed jagħmel sottovalutazzjoni tagħha. Flimkien għal Ambjent Aħjar qdew il-funzjoni tagħhom b'mod tajjeb billi b'mod prattiku spjegaw lill-poplu x'effetti negattivi kien se jġib miegħu proġett bħal dan. Li tagħmel ħofra bħal dik wara li għadek kemm għamilt il-pavimentar ta' Triq il-Merkanti huwa sinjal ta' nuqqas ta' pjanar min-naħa tal-Gvern. Bid-dewmien żejjed li proġetti tali għandhom il-ħabta jdumu, żgur li għal tan-negozju fil-madwar seta' jsarraf ta' doċċa kiesħa fuq oħra. Ċerti proġetti qed ikunu maħsuba biss sabiex jinġiebu l-fondi minn Brussell, u minnhom igawdu kuntratturi li jidhru spiss fit-twettieq ta' proġetti mill-Gvern.

Bit-tmexxija ta' Muscat, il-PL qiegħed jagħmel sforz ġenwin biex isaħħaħ il-kredenzjali ambjentali tiegħu. Il-fatt li għamel l-għalmu tiegħu fil-Parlament, permezz ta' mozzjoni maħsuba sabiex il-proġett ma jitwettaqx, juri wkoll li lest juża l-għodod li għandu f'idejh sabiex jaħdem bil-fatti fuq kwestjonijiet ambjentali. Meta kien sar it-twessiegħ taz-zoni ta' żvilupp, l-Oppożizzjoni għalkemm kienet tkellmet ħafna, kienet ħadmet ftit. Din id-darba weriet sens ta' għaqda u ħidma attiva kontra dan il-proġett. Min-naħa tiegħu il-Gvern aktar beża' mill-konsenturi fi ħdanu, milli bl-għaqda li kien qed jaffaċċja, u għalhekk waqqa' l-proġett siegħat qabel kien se jittieħed il-vot fuq il-mozzjoni mressqa fil-Parlament.

M'hix l-ewwel darba li Gonzi rrevoka proġetti li ġabu magħhom nuqqas ta' qbil min-naħa tal-poplu. Kien hemm il-ħsieb li jitneħħa l-monument ta' Manwel Dimech minn quddiem Kastilja. Malli l-Gvern ra li kellu oppożizzjoni minn ħafna li kitbu fil-gazzetti u minn għaqdiet bħall-Moviment Graffitti, biddel ir-rotta li kien beħsiebu jieħu. U mn'alla, għax il-memorja ta' Dimech jixirqilha post prominenti, meta tiftakar li dan kien bniedem li ried lill-Malta Indipendenti u Repubblika fl-istess waqt li ħaddieħor kien moħħu biex jitwaħħad ma' kolonja jew oħra.

Każ ieħor kien dak tal-Korsa tal-Golf fix-Xagħra l-Ħamra, viċin ir-Ramla tal-Mixquqa. Wara pressjoni sfiqa l-Gvern dawwar dan is-sit f'Park Naturali mmexxi min-Nature Trust u Din l-Art Ħelwa. L-Alternattiva Demokratika flimkien mal-għaqdiet ambjentali ħadmet tajjeb sabiex il-proġett propost ta' bini ta' vilel fir-Ramla l-Ħamra jkun imwaqqa'. Intweriet ir-reżistenza u l-proġett treġġa' lura.

Dawn l-episodji, li bħalhom hemm oħrajn, jgħallmuna kemm hi importanti r-reżistenza min-naħa tas-soċjeta' ċivili. Min jistinka biex jirbaħ kawża għandu mnejn jitlifha, iżda min jagħżel li ma jistinkax ikun diġa' tilifha. B'hekk il-parteċipazzjoni taċ-ċittadin quddiem kwestjonijiet bħal dawn għandha tkun waħda attiva sabiex jintwera fid-deher l-għadab jew il-qbil rigward deċiżjonijiet li jkun hemm il-ħsieb li jittieħdu. Preżentament l-għaqda Żminijietna qed tħejji alleanza sabiex il-proġett tat-Triq tal-Mellieħa ma jitwettaqx. Fortunatament bosta kienu dawk li ddeċidew li jipparteċipaw. Wara kollox x'inhi d-demokrazija mingħajr parteċipazzjoni!

# Politika Ekoloġika għal Ewropa Soċjali

**minn Michael Briguglio**

Fadal ftit ġimgħat għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Jidher li ser ikun hemm iktar partiti politiċi li ser jikkontestaw. Bħalissa l-ikbar partit Ewropew huwa dak Popolari, segwit mis-Soċjalisti, il-Liberali, il-Ħodor, il-grupp Xellugi, l-Ewroxettiċi u l-Indipendenti rispettivament.

Hemm min jgħid li l-Parlament Ewropew huwa sempliċiment istituzzjoni fejn ipappuha numru ta' politiċi f'istituzzjoni bla snien. Min-naħa l-oħra, hemm min ipinġi l-Parlament Ewropew bħala istituzzjoni li qed taħkem lill-popli Ewropew flimkien mal-Kummissjoni Ewropea!

Fir-realta, l-Unjoni Ewropea hija struttura kumplikata b'siti varji ta' poter. L-ebda istituzzjoni – kemm il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill tal-Ministri nazzjonali, m'għandhom monopolju tal-poter, u kemm il-darba, jittieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq kompromessi bejn interessi ekonomiċi, politiċi, nazzjonali u oħrajn. Fil-fatt hemm min jargumenta li din hija r-raġuni għalfejn l-UE tibqa' teżisti u tikber. L-istutturi tagħha stess jagħmluha diffiċli ferm li jittieħdu deċiżjonijiet 'estremi' lejn naħa jew l-oħra.

Barra minn hekk, l-UE tibbaża s-saħħa tagħha mhux fuq il-forza, iżda fuq in-nuqqas ta' azzjoni. Ħadd m'hu mġiegħel jidħol fl-UE, iżda nuqqas ta' sħubija jew ftehim iwassal għal nuqqas għal aċċess għas-suq Ewropew u għal ħwejjeġ oħra.

Fl-istess ħin, huwa ċar li l-Unjoni Ewropea għandha pressjonijiet ekonomiċi ta' interessi kapitalisti kbar fuqha, u li fil-kuntest kurrenti hemm xaqliba iktar lejn il-Lemin.. Iżda din ix-xaqliba tista' tinqaleb lejn in-naħa l-oħra….

Għalhekk, rappreżentanza fil-Parlament Ewropew għandha utilita' politika, speċjalment għal partiti – bħall-Ħodor – li huma bbażati fuq attiviżmu mhux biss lokali u nazzjonali, iżda ukoll globali. Bosta sfidi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali imorru lil'hinn mill-fruntieri nazzjonali, u għalhekk jeħtieġ rispons xieraq.

Fil-fatt il-Ħodor qed jemfassizzaw li l-UE għandha jkollha rwol ċentrali biex tilqa' sfidi globali li qed nesperjenzaw illum: il-kriżi finanzjarja; il-kriżi ta' l-enerġija; il-kriżi ta' l-ikel…. Kriżijiet li huma relatati ma' l-effetti tal-kapitaliżmu neo-liberali, u li jeħtieġu rispons globali biex jiġu megħluba….. Il-każ ta' l-Iżlanda – pajjiż żgħir u hekk imsejjaħ 'indipendenti' u li issa qiegħed għarkobbtejh f'din il-kriżi – huwa eżempju ħaj ta' dan.

Fl-elezzjonijiet Ewropej, il-Ħodor ser jemfasizzaw l'hekk imsejjaħ 'Green New Deal' bil-għan li jinħolqu miljuni ta' impjiegi sostenibbli, f'setturi bħal dak ta' l-enerġija nadifa. Dan ikollu effett pożittiv lil'hinn minn industriji speċifiċi, u għandu appoġġ sħiħ mill-kamp tredjunjonistiku. Biżżejjed wieħed jara l-pożizzjoni ta' l-ETUC – il-konfederazzjoni ta' l-Unjins tal-Ħaddiema Ewropej - dwar dan.

### L-ekoloġija

Iktar minn qatt qabel, qed naraw li l-ekoloġija għandha rwol ċentrali fis-soċjeta'. Ħassieba Ħodor bħal Alain Lipietz janalizza dan billi jgħid li l-ħsieb ekoloġiku żied l-aspett ta' responsabilita' lejn ġenerazzjonijiet futuri flimkien ma' l-aspetti ta' awtonomija u solidarjeta', liema aspetti kienu diġa' jitkellmu fuqhom ideoloġiji oħrajn.

Oħrajn bħal James O'Connor jargumentaw li qegħdin ngħixu t-tieni kontradizzjoni tal-kapitaliżmu.

L-ewwel kontradizzjoni għandha x'taqsam mal-qasma klassika bejn il-kapital u l-klassi tal-ħaddiema, liema qasma ġiet imtaffija bil-ħolqien tal-welfare state. Iktar ma jmur, l-istess welfare state, isir iktar insostenibbli u jkollu iktar diffikultajiet biex isolvi l-kontradizzjonijiet tal-kapitaliżmu, speċjalment minħabba iktar piż finanjarju li jirriżulta minn bidliet soċjali u iktar ħtiġijiet kawża ta' effetti bħall-qgħad. Din twassal għall-'kriżi fiskali ta' l-istat'. L-ewwel kontradizzjoni hija relatata ukoll mal-produzzjoni żejda fil-kapitaliżmu, li jġib miegħu skossi ekonomiċi u soċjali kbar… Il-kriżi finanzjarja kurrenti huwa eżempju ta' dan.

It-tieni kontradizzjoni għandha x'taqsam mal-effett ekoloġiku, fejn l-industrija kapitalista tibda' teqred dak li hu meħtieġ għall-kontinwazzjoni tagħha stess. Eżempju mill-iktar ċar huwa t-tibdil fil-klima – li ħafna minnu huwa riżultat ta' produzzjoni u konsum żejjed, b'effetti devastanti fuq postijiet tax-xogħol, postijiet fejn jgħixu n-nies u industriji sħaħ.

Analiżi ta' dan it-tip turi kif il-politika Ħadra – li hi msejsa fuq ir-rabta bejn l-ekoloġija, l-ekonomija u s-soċjeta' - hija fuq quddiem biex tiddefendi d-drittijiet tal-ħaddiema, ta' komunitajiet lokali, u ta' dawk l-iktar vulnerabbli.

### Lemin estrem

Il-Ħodor huma l-oppost tal-politika tal-lemin estrem, liema politika qiegħda thedded il-kisbiet li għamlu l-ħaddiema u gruppi tas-soċjeta' ċivili tul is-snin. In-nazzjonaliżmu ta' dawn il-partiti mhux biss huwa xenofobiku u razzist, iżda wkoll huwa kontradittorju. Biżżejjed wieħed isemmi l-kwistjoni ta' l-immigrazzjoni illegali.

L-ebda partit tal-Lemin Estrem m'hu ser jaqbel ma' ieħor ta' l-istess ideoloġija fuq qsim ta' responsabilita' bejn il-pajjiżi, għas-sempliċi fatt li huma jaraw biss l-interess dejjaq ta' pajjiżhom! Għalhekk, l-ebda partit tal-Lemin Estrem Ewropew m'hu ser jaqbel, per eżempju, li pajjiżhom jaċċetta r-responsabilita' għall-immigranti li qegħdin f'Malta kontra r-rieda tagħhom.

Għall-kuntrarju ta' dan, il-Ħodor kemm il-darba tkellmu favur ir-reviżjoni tat-Trattat ta' Dublin sabiex ikun hemm qsim ġust ta' responsabilita' bejn il-pajjiżi Ewropej fil-kwistjoni ta' l-immigrazzjoni.

Il-Ħodor jippreżentaw alternattiva għall-estremiżmu u t-theddida tal-Lemin Estrem… Għall-kuntrarju għandhom politika li tħares 'l quddiem, b'viżjoni ta' sostenibilita' u solidarjeta' fl-Ewropa u lil'hinn minna.

www.michaelbriguglio.com


## Abbonament

**Abbona għal sena fil-gazzetta Żminijietna għall-prezz ta' €2.50 (4 edizzjonijiet). Ibgħat /ċekk jew money order fl-indirizz 14/8 Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta.**

**Kull korrispondenza, inklużi ittri lill-Editur, għandha tintbagħat lil Christopher Cutajar b'e-mail: chriscut@onvol.net jew bil-posta: 14/8, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta.**

*Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi. Il-membri jinkludu membri tal-Partit Komunista Malti, tal-Malta Labour Party, ta' l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti universitarji, trejd unjonisti, ġurnalisti, intellettwali u pensjonanti.*
*Żminijietna hi l-leħen tax-xellug f'Malta. Il-mira ewlenija ta' Żminijietna hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjeta' permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilita' ekoloġika.*

*Żminijietna - Voice of the Left, is a leftist movement. Members include members of the Communist Party of Malta, the Malta Labour Party, Alternattiva Demokratika -the Green Party, workers, academics, university students, trade unionists, journalists, intellectuals and pensioners.*
*Żminijietna has become the voice of the left movement in Malta. The main aim of Żminijietna - Voice of the Left, is to have a greater presence in Malta's civil society through activism from a leftist perspective, emphasising the principles of equality, social justice and ecological sustainibility*

# "...sa fejn naf jien m'għandniex Isqof bħala mexxej ta' l-istat"

Christopher Cutajar intervista lil Dr.Toni Abela, Deputat Mexxej Laburista għall-Affarijiet tal-Partit. Bil-professjoni ta' avukat u bil-passjoni ta' bniedem magħġun fil-politika, Abela jwieġeb mistoqsijiet li jmissu mad-drittijiet ċivili kif ukoll mall-politika ekonomika. Mistoqsijiet li jipprovaw ukoll jistħarrġu jekk il-PL għadx għandu l-ardir li jidħol f'kunflitti mqanqla.

*Ħafna kienu jaħsbu li l-PL kien minn għalih li seta' jieħu l-Gvern billi jistenna l-bajtra taqa' f'ħalqu, infatti jien kont wieħed minnhom. Lino Spiteri kiteb (Labour Link – Jannar '09, p7) li "hi ħaġa ħafna [iżjed] tqila li xxettel siġra li tagħtik frott bnin li tista' taqtgħu u dduqu bil-jedd kollu tul staġun twil...". Taħseb li bħalissa din is-siġra qed tixxettel?*

Nemmen li din is-siġra qiegħda tixxettel. Il-fatt li Joseph Muscat huwa l-mexxej tal-Partit Laburista (PL) jibgħat messaġġ aktar frisk u attwali, li juri biċ-ċar li hemm ir-rieda li jinbeda staġun politiku ġdid. Messaġġ li fejn għandu jfaħħar ifaħħar u fejn għandu jikkritika jagħmilha wkoll. Jekk mhux qed tinżel tajba ma' min għandha tinżel tajba, dik hija ħaġa oħra.

*Temmen li issa m'għadkomx qed tistennew ir-rebħa, iżda minnflok qed taħdmu għaliha?*

Anke jekk tkun diġa' qiegħed fil-Gvern trid taħdem għar-rebħa, aħseb u ara jekk tkun fl-oppożizzjoni. Il-PL irid joqgħod ħafna aktar attent minn qabel. Id-darba li jmiss l-elezzjoni se jkollna naħdmu għaliha aktar minn dik tas-sena l-oħra. Ix-xogħol li nagħmlu aħna jrid ikun wieħed intensiv ħafna, u ffukat fuq kull possibilita' ta' vot li jista' jġib il-PL. Kemm minn ħdanu, u anke minn dawk li jinħtieġu messaġġi differenti biex jersqu lejh u jivvotawlu.

*Dr. Sceberras Trigona, Segretarju Internazzjonali tal-PL qed jagħmel korsis li permezz tagħhom qed iħarreġ lin-nies fil-prattika tad-Diplomazija, u dwar il-fondi ta' l-UE fost oħrajn. Fil-Konferenza Ġenerali li għaddiet (29.01.09) Sceberras Trigona qal li 'l quddiem is-segretarjat se jkun qed iħarreġ boton boton, sabiex meta jkun fil-Gvern ikollu nies biżżejjed kapaċi sabiex jaħdmu fil-kamp Diplomatiku. Hemm il-ħsieb li t-taħriġ għan-nies li jappoġġjaw il-Partit twessgħuh f'oqsma oħra bħal ngħidu aħna dak Turistiku, l-Edukazzjoni u l-Politika Soċjali?*

Dan mhux bilfors għandu jilħaq nies li huma fil-PL, ħa nagħmilha ċara. Meta jsiru l-korsis ikunu miftuħin għal kulħadd. Ma nemminx li dawn il-korsis se jkunu qed iġibu magħhom xi segregazzjoni ta' dawk in-nies li jaqblu mall-PL, u ma jkunux ġejjin minn esperjenzi politiċi oħrajn. Ikun il-lok li ma jsirux biss korsis fid-diplomazija, iżda wkoll fil-qasam ta' l-amministrazzjoni pubblika, f'dak turistiku u anke fl-ispeċjalizzazzjoni tal-ħarsien ta' l-ambjent.

*Liġi li qed jieħu ħsieb jirriforma l-Ministeru tal-Politika Soċjali bħalissa, hija dik tal-kera. F'artiklu ppubblikat fl-Orizzont (20.01.09) intitolat "Il-Liġi tal-kerha" inti elenkajt bosta inġustizzji li fil-fehma tiegħek għandha l-potenzjal iġġib magħha din ir-riforma. Meta tħares lejn din ir-riforma b'mod sħiħ, taħseb li se ġġib aktar inġustizzji milli ġustizzji?*

Jekk l-abbozz tal-liġi jgħaddi kif inhu, se jġib ħafna u ħafna inġustizzji. Iva; nibdew nisimgħu fi żmien qasir possibilment b'nies li jkunu tilfu l-ħarsien tas-saqaf fuq rashom. Bħalma huma r-romol, l-aħwa u anke t-tfal, biex nagħmluha ċara. Ovvjament wieħed irid jirrispetta id-dritt tal-kera lis-sid, li bil-liġi kif kienet fil-fehma tiegħi dan id-dritt ma kienx rispettat. Min-naħa l-oħra wieħed għandu jsib bilanċ dwar id-drittijiet soċjali ta' min qiegħed jgħix f'kera, jew inkella għandu ħanut li qiegħed b'kera. Il-Grupp Parlamentari Laburista qed jagħmel dak kollu possibli fil-Parlament, u nemmen li se jirnexxilu, biex jipprova jimminimizza kemm jista' jkun il-ħsara li ser issir b'dan l-abbozz.



*Fil-gazzetta Illum (01.02.09) ġie rrapportat li l-PL għandu każini rekwiżizzjonati jew b'kera kkontrollata; ħaġa li diġa' konna nafuha. Bħala Oppożizzjoni intom lesti li tiġġieldu kull inġustizzja li ġġib magħha din ir-riforma, jew għandkom imnejn toqogħdu pass lura biex tieħdu ħsieb iż-żamma tal-każini tagħkom fil-lokalitajiet?*

Xejn minn dan. Jekk tinnota, anke fil-Parlament, l-emfażi prinċipali m'hijiex fuq il-każini, iżda fuq id-djar residenzjali u fonti kummerċjali. Il-PL m'għandu ebda ħsieb li jipprova jagħmel xi maratona ta' oppożizzjoni għall-fatt li l-każini jistgħu ma jkunux aktar protetti kif kienu taħt il-liġi l-antika. Pero' wieħed ukoll irid jinnota li anke l-każini politiċi fl-irħula għandhom sehem importanti soċjali u politiku. Jekk Partit tneħħilu l-preżenza politika fl-irħula u fl-ibliet tagħna tkun qiegħed toqtollu l-preżenza demokratika tiegħu mall-pajjiż kollu. Jiġifieri wieħed ma jridx lanqas min-naħa l-oħra, biex ma jidhirx li qed jiddefendi l-każini tiegħu, ma jgħidx ukoll li l-partiti politiċi qed iwettqu rwol soċjali bħal ħafna għaqdiet oħra fil-pajjiż.

*Fir-Reazzjoni inizjali li l-PL ta għal din ir-Riforma fil-Liġi tal-Kera, wera biċ-ċar li lest jirrikonoxxi familji mhux konvenzjonali. Dr. Muscat, fid-diskors li bih ingħalqet il-konferenza (01.02.09) wera biċ-ċar li l-PL jirrikonoxxi lil dawk omosesswali, separati u anke poġġuti. B'dan il-mod il-PL qed jidher li soċjalment lest li jkun liberali. Madanakollu, jidher ukoll li bħala Partit m'għadkomx qed tħambqu fuq il-ħtieġa tad-Divorzju f'pajjiżna, daqs kemm kontu qed tagħmlu sa ftit xhur ilu. Għaliex qed jiġri dan? Qed tibżgħu mill-knisja u mill-PN? Sibtu reżistenza qawwija fi ħdan il-Partit stess? Għandkom surveys li f'din it-tema ma joħroġukomx popolari?*

Joseph Muscat diġa' ddikjara ruħu fuq il-kwistjoni tad-divorzju, u qal li hu lest ukoll li jħalli vot ħieles fil-parlament. Jien naħseb li anke l-amministrazzjoni Laburista ta' bejn is-96 u t-98 kienet ħatret kummissjoni nazzjonali dwar il-familja li fost oħrajn kienet qed tiddiskuti t-tema tad-divorzju. Il-verita' hi li aħna llum ninsabu fl-Unjoni Ewropea; id-drittijiet ċivili u liberali ta' ħafna koppji

*(Ikompli f'paġna 5)*

# Kunċett Industrijali Strateġiku

minn A. Pert

Il-globalizzazzjoni kienet tikseb livell għoli ta' effiċjenza u tilħaq l-aqwa għanijiet soċjo-ekonomiċi kieku f'dan iż-żmien ta' avvanzi kbar teknoloġiċi kellha titħaddem b`impenn progressiv. Din is-sistema ta' moviment ta' nies, xogħol u negozju bla fruntieri żiedet l-effiċjenza fil-produzzjoni, servizzi u kummerċ, imma ma ġabitx l-avvanz mixtieq, la soċjali u lanqas ekonomiku. Dan jixhduh il-kriżi ħarxa ekonomika internazzjonali u l-faqar li qed jikber kullimkien. Allura kif issarraf u fejn sparixxa t-titjib fl-effiċjenza, la ma rriżultax fi progress soċjali u ekonomiku?

Apparti li s-sistema ftit li xejn aġevolat lill-konsumatur, il-movimenti liberi tan-nies u tax-xogħol servew ta' vantaġġ tripplu għas-sidien u ta' żvantaġġ doppju għall-ħaddiema.

Biċ-ċaqlieq ta' mpjant lejn pajjiż barrani, sid jisfrutta l-ħaddiema li jimpjega b`irħis fil-post il-ġdid, u aktarx li jipprofitta wkoll mill-ħiliet li bl-edukazzjoni jkun għenu jikseb il-gvern tal-istat li jmur fih.

Biċ-ċaqlieq ta' ħaddiema bejn il-fruntieri, sidien f'pajjiżi industrijalizzati jimpjegaw b`kundizzjonijiet baxxi lill-ħaddiema li jiġu minn stati nieqsa mill-iżvilupp. Bl-isfruttament tal-barranin, iwaqqgħu l-valur tax-xogħol tal-ħaddiema fil-pajjiż żviluppat. Mela dawn il-vantaġġi li jroddu qligħ lis-sidien mill-isfruttament tal-ħaddiema, jġibu qgħad u problemi ekonomiċi u trejdunjonistiċi fil-pajjiżi żviluppati, u jżommu lura lil oħrajn.

L-ingranaġġ tas-sistema jdur fuq ċerti kundizzjonijiet degradanti għan-nies tax-xogħol, għax joffru lok lis-sidien biex jirrikattaw ħaddiema lokali u jisfruttaw lil barranin, kif ukoll jirkbu gratis b`mod intimidanti fuq l-investiment tal-gvern fl-edukazzjoni. Il-kawża kruċjali għal dan l-iżbilanċ anti-demokratiku, hija l-kundizzjoni strateġika li "ħaddiem barrani jkollu ħlas u kundizzjonijiet ta pajjiżu, u mhux tal-post fejn jaħdem".

Din hija tentazzjoni għas-sid biex f'pajjiż żviluppat iħaddem barranin b`irħis. Proġetti kbar inħadmu b`dan il-mod a-skapitu tal-ħaddiema tal-lokal u favur il-kuntratturi. Bl-istess tattika, sidien jimmultipl-ikaw il-qligħ billi jsibu skużi biex jilliċenzjaw ħaddiema, u flokhom iħaddmu oħrajn b`kundizzjonijiet inferjuri.

Gvernijiet waslu biex jikkollaboraw f'atti bħal dawn, anke bi privatizzazzjoni ta' azjendi/xogħolijiet statali. F`Malta esperjenzajna każ klassiku bil-privatizzazzjoni tax-xogħol tat-tindif tal-isptar statali, fejn il-kuntrattur privat iħaddem nies bi qligħ ta' 210 Ewro fil-ġimgħa fuq kull ħaddiem. Apparti li bħal fi privatizzazzjonijiet oħra, skont il-klijenti l-effiċjenza ma tjibitx, b`dan il-privatizzar il-kuntrattur qed jaqla 141% u l-gvern qed iħallas iżjed mid-doppju ta' kemm kienu jiswewlu l-fattigi tiegħu. Mar tajjeb il-kuntrattur biss.

Dan isir bil-protezzjoni tat-trattat ta' Liżbona, u bl-arja tal-kompetizzjoni fost il-ħaddiema f`suq tax-xogħol mimli Maltin u mifqugħ bil-barranin, lesti jaċċettaw kundizzjonijiet ta' pajjiżi anqas żviluppati.

Il-gvern lemini Malti jappoġġja u jsegwi l-kundizzjoni strateġika addottata fit-trattat mill-maġġoranza leminija fil-parlament Ewropew, bl-approvazzjoni tal-gvernijiet membri tal-UE, fejn tal-lemin huma wkoll il-grupp maġġoritarju. S`issa dejjem tal-lemin influwenzaw il-linja tat-tmexxija effettiva burokratika ta' Brussell.

Jeħtieġ li l-Ewropej jibdlu l-istrateġija tal-isfruttament tal-ħaddiema b`xaqliba lejn ix-xellug, li jemmen f'politika industrijali bbażata fuq "l-istess kundizzjonijiet għall-istess xogħol fl-istess pajjiż, irrispettivament min-nazzjonalita' tal-ħaddiema". Il-ħaddiem Ewropew meta se jirreaġixxi għall-arma strateġika tas-sidien, b`din it-tarka xellugija?

Ejja nipparteċipaw f`din il-bidla b`għażla ta' Membri Parlamentari Maltin xellugin fl-elezzjoni ta' Ġunju li ġej.

## L-Għaqda Malta-Kuba

L-Għaqda Malta-Kuba tellgħet il-laqgħa ġenerali biennalli għal perjodu 2007-09 nhar il-Ġimgħa 6 ta' Frar, 2009. Fir-rapport ta' ħidma tissemma l-parteċipazzjoni tal-Għaqda fil-Brigata Jose Marti' - attivita' annwali fejn 'l fuq minn 150 żgħażugħ Ewropew jiltaqgħu flimkien biex jagħmlu xogħol volontarju u jsiru jafu Kuba b'mod uniku. L-għaqda pparteċipat fl-edizzjoniet 2007 u 2008, f'ta' l-ewwel b'żewġ brigatisti u s-sena l-oħra bi tliet parteċipanti.

Xogħol ieħor f'dan il perjodu kien l-iżvilupp ta' sit elettroniku tal-għaqda www.maltacuba.org. Fiha nsibu kemm tagħrif dwar l-Għaqda u kif wieħed jista' jissieħeb bħala membru, kif ukoll tagħrif ġenerali dwar Kuba. Jidhru ukoll avviżi dwar avvenimenti.

Fid-dawl tal-urugani li laqtu lil-Kuba fl-2008, l-għaqda ħejjiet kampanja pubblika ta' ġbir ta fondi li wasslet sabiex inġabret is-somma ta' €705. Permezz ta' Victor Degiovanni, l-għaqda ħadet sehem fil-Laqgħa tal-Għaqdiet ta' Solidarjeta' ma' Kuba mill-pajjiżi tal-Ewropa u pajjiżi oħrajn. Din il-laqgħa saret f'Terni, l-Italja, f'Ottubru 2008.

L-Għaqda ħatret ukoll il-kumitat eżekuttiv tagħha għas-snin 2009-11 kif ġej :

**President**: Michael Camilleri

**Segretarju**: Mario Mifsud

**Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi**: Andre' D'Amato – li flimkien ma' Maria Catania jiffurmaw il-Unit għar-relazzjonijiet pubbliċi.

**Teżorier**: Christopher Camilleri – li flimkien ma' Bernard Darmanin u Daniel Muscat jiffurmaw il-Kummissjoni għal-fund-raising.

**Kummissjoni Internazzjonali** : Victor Degiovanni u David Pisani

# Intervista ma' Dr Toni Abela

tista' tgħid li jinsabu f'kull pajjiż fi ħdanha barra f'Malta. L-uniku żewġ pajjiżi li m'għandhomx divorzju huma l-Andorra u l-Vatikan, li huma mmexxija minn Isqof u minn Papa. Malta sa fejn naf jien m'għandniex Isqof bħala mexxej ta' l-istat.

Malta, sa issa ma jidhirx li d-divorzju huwa aċċettat. F'din il-kwistjoni ovvjament wieħed irid joqgħod attent ukoll li dan id-dritt ċivili ma jiġix użat b'mod li jispiċċa ballun partiġġjan. Wieħed irid joqgħod attent għax b'hekk aktar issir ħsara milli ġid.

*Rigward il-vot ħieles li Joseph Muscat beħsiebu jagħti fil-parlament, ma taħsibx li jekk il-Partit huwa deċiż u determinat illi dan id-dritt ċivili għandu jitħalla jingħata f'pajjiżna, bil-vot ħieles fil-Parlament tkunu qed tilagħbu bil-progress ta' din is-soċjeta'? Għaliex ma tagħmlux diskussjoni interna u tmorru quddiem il-parlament bil-vot ta' Partit, li jkun wieħed u sħiħ?*

Jiena naħseb li d-divorzju hija kwistjoni ta' kuxjenza personali ta' dak li jkun u m'hijiex kwistjoni ta' politika ta' partit. Fil-fatt lanqas ma huwa l-każ li jsir referendum u joqgħod jgħid jekk wieħed iridx id-divorzju jew le. Din hija kwistjoni ta' drittijiet, anke jekk hu ta' minoranza, għax lill-maġġoranza m'hu se jittiħdilha ebda dritt.

*Kien hemm żmien fejn il-PL kien lest li jidħol f'kunflitti sabiex jara li jilħaq l-għanijiet tal-politika tiegħu għal Malta. Dan għamlu fis-sittinijiet fuq il-kwestjoni tas-sitt punti mall-Knisja, u għamlu wkoll fit-triq tiegħu biex jinkiseb il-Ħelsien mill-ħakma Ingliża. Jidher li l-kuntest ta' "Aħna u Huma" ma huwiex parti mill-"Istaġun Politiku Ġdid" ta' Dr. Muscat, tant li daħal fil-każini tal-PN fil-mawra tiegħu f'diversi lokalitajiet. Il-PL m'għadux jidħol f'dawn il-kunflitti mqanqla għax m'għadx fadal bżonnhom jew għax m'għadx għandu l-ardir li jagħmel dan?*

Aħna nemmnu li f'Malta post-indipendenza wasal iż-żmien li jkollna politika aktar matura. Għalkemm vera jista' jkollok diverġenzi bejn l-ideoloġiji; fejn jista' jkun, wieħed għandu jara li jfittex il-konverġenza. B'hekk l-aktar riformi importanti jidħlu mingħajr sulluzzu. Ir-riformi li jidħlu bis-sulluzzu jagħmlu ħafna aktar ħsara. Dan jagħmel tajjeb sabiex Gvern minn ieħor ikun marbut bil-konverġenza li tkun intlaħqet preċedentament. Min-naħa l-oħra wieħed irid jara r-rieda t-tajba min-naħa tal-Partit li hemm fil-Gvern. Jidher li l-PN għadu mhux ippreparat biex jaċċetta din it-tip ta' politika. Fejn jaqbillu lill-PL jurih rieda tajba ħalli hu stess ma jkunx imfixkel, u meta jaqbillu jagħmel dak li jfettillu mingħajr ma jikkonsulta mall-PL. Waħda minnhom hija il-mozzjoni ta' proċedura fil-parlament li l-Gvern ressaq biex joħnoq diskussjoni li kienet se tfeġġ bil-mozzjoni ta' l-Oppożizzjoni dwar il-proġett tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

*Il-Partit Laburista Malti, bħal kwalunkwe' partit fl-Ewropa bi tradizzjoni soċjalista warajh, għadda minn perjodu ta' mistħija minnu nnifsu wara l-waqa' tal-ħajt ta' Berlin. Illum, wara li n-neo-liberiżmu wera ruħu bħala ideoloġija bażwija li daħħlitna fi kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija, il-Partiti Soċjalisti fl-Ewropa għandhom jibqgħu jistħu mill-għeruq ta' twemminhom jew għandhom jerġgħu jibdew jemmnu f'dak li sthaw minnu?*

Mhux talli l-Partiti Soċjalisti Ewropej m'għandhomx jistħu mit-twemmin tagħhom, talli dan l-istess twemmin qed jinvokawh dawk li kienu magħrufin li huma l-Mekka tas-sistema Kapitalista. Jekk tħares lejn l-Amerka, fejn il-banek qed jiġu nazzjonalizzati; jew jekk inti tara l-pakkett finanzjarju li vara Obama, issib li fih hemm traċċi ċari ta' prinċipji li huma prattikati mill-Partiti li huma Soċjalisti.

Fil-fatt illum erġajna bdejna nitkellmu dwar il-possibilita' ta' interventi mfassla fuq teoriji ta' ekonomisti bħal John Maynard Keynes, u mhux aktar bil-prinċipji ta' ekonomisti bħal Milton Friedman u Friedrich Hayek, b'tal-aħħar ikunu dawk li pridkaw is-suq ħieles mingħajr ebda ndħil mill-istat. Illum qed jiġi pruvat ukoll li s-sistema kapitalista, mingħajr ma jkollha faċċata umana tidħol f'ċikli perikolużi fejn jista' jkollok sitwazzjoni fallimentari kbira, fejn aktar ikunu ż-żgħar li jbatu milli l-kbar. Hemmhekk ikun hemm bżonn l-id protettiva ta' l-istat, li jiena naħseb li huwa prinċipju Soċjalista.

*Għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (PE) ta' l-2004 l-PL kellu tmien kandidati jirrappreżentawh. Din id-darba se jkollu tnax. Dan in-numru ta' kandidati taħseb li għandu jivvantaġġjah jew inkella jxekklu?*

Ma naħsibx li se jxekklu. Għandek taħlita ta' kandidati li ġejjin minn esperjenzi differenti. Hemm uċuħ minnhom li ħadd qatt ma kien jaħseb li se jkunu kandidati mall-PL. Dawn għandhom mnejn jagħtu valur miżjud lit-tim tagħna. Għandek taħlita ta' nies li ġejjin mill-partit, u għandek dawk li ma beżgħux jikkritikaw l-UE. Hemm ukoll taħlita ta' sessi għaliex terz minnhom huma nisa. Fosthom hemm ħaddiema, għalliema, *entrepreneurs* u ekonomisti. Fil-fehma tiegħi għandek pakkett attraenti għal kull tip ta' saffa fl-elettorat.

*Fl-2004 l-PL kiseb 48.42% tal-vot għall-PE. Is-sena l-oħra l-PL kiseb l-appoġġ ta' 48.79% ta' l-elettorat. In-numri vera jixtiebħu. Ir-riżultat ta' Ġunju li ġej se jkun meqjus bħala termometru validu fit-triq it-twila li l-PL għandu quddiemu lejn l-elezzjonijiet ġenerali li jmiss?*

Ma naħsibx li l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew huwa termometru validu għal elezzjoni li għad trid tiġi erba' snin oħra. It-temperamant ta' l-elettorat jinbidel kemm il-darba f'erba' snin. Apparti dan ħareġ ċar li għalkemm il-PL rebaħ l-elezzjoni tal-PE b'ammont ta' voti sostanzjali, pero' mbagħad meta ġie għat-test ta' l-elezzjoni ġenerali hemmhekk ma rnexxilux jikseb ir-rebħa.

*Sabiex nispiċċaw b'mistoqsija fuq nota differenti, għandi kurżita' x'naqta'. B'referenza għal dak li ktibt fid-19 t'Awwissu li għadda, fejn għidt li beħsiebek tħallas il-vaganzi li jkun imissek minn fuq il-kawża ta' libell li ftaħt ma' Daphne Caruana Galizia, liema hu l-pajjiż li tagħżel li tobtol fih fl-eventwalita' li tirbaħ il-kawża?*

Il-Vatikan, għax naf li Daphne Caruana Galizia ma taħmilx ir-Reliġjon Kattolika.

# Fl-UE l-unjins qed jispiċċaw b'idejhom marbutin

**minn David Pisani**

*"Huma qalulna li d-dritt ta' strajk hu fundamentali, imma mhux daqshekk fundamentali daqs il-liberta' tal-moviment tas-servizzi"* - John Monks, segretarju ġenerali ta' l-ETUC lill-Parlament Ewropew.

Fil-preżent id-dritt tal-ftehim kollettiv qiegħed jiġi mhedded. Il-każ Vaxholm, dak tal-Viking u ħafna oħrajn huma eżempju ta' dan. Il-Konfederazzjoni tat-Trejd Unjins Ewropej qed tiġġieled fuq livell Ewropew sabiex id-direzzjoni qabdet l-Ewropa tinbidel għal waħda favur Ewropa Soċjali li tħaddan fiha l-prinċipju ta' dritt għal ftehim kollettiv min-naħa tal-unjins.

S'issa l-orizzont jidher imċajpar, u jekk ma tinbidilx din il-politika tkun tfisser il-bidu tat-tkissir tas-saħħa tal-unjins. Id-dritt ta' unjin li tidħol għal ftehim kollettiv qiegħed ikun imċaħħad f'diversi pajjiżi Ewropej grazzi għad-deċiżjoni msejsa mill-ħsieb neo-liberali li ħadet il-Qorti Ewropea vis-a-vis il-unjins. It-triq tan-niżla bdiet mid-direttiva dwar is-servizzi ta' l-2006.

It-Trattat ta' Lisbona, jekk jgħaddi fl-Irlanda, jibqa' msemmi fl-istorja bħala l-ewwel Kostituzzjoni Ewropea li stipulat politika neo-liberali legalment u kostituzzjonalment. It-Trattat żgur li mhux se jgħin f'dan ir-rigward, anzi se jkompli jsaħħaħ dan l-atteġġjament negattiv meħud mill-Qorti Ewropea.

It-Trattat ta' Liżbona jinforza l-politika ta' privatizzazzjoni ta' entitajiet pubbliċi, kif ukoll jirrestrinġi d-dritt ta' strajk. Dan tikkonfrmah l-istess Qorti. Fl-2007 il-Parlament Ewropew ivvota favur liberalizzazzjoni totali fis-servizz tal-Posta li jrid ikun daħal fis-seħħ sa l-2011. Il-qasam tas-saħħa wkoll jinsab taħt theddida mill-'Health Directive 2008', sabiex il-privitizzazzjoni tinfiltra wkoll f'dan il-qasam.

Hija ta' mistħija meta tisma' esponenti barranin li jgħidulek li t-Trattat ta' Liżbona mhuwiex ta' theddida għall-ħaddiem. Min-naħa l-oħra naqbel li l-liġijiet tax-xogħol taħt iċ-Charter Soċjali huma ta' ġid għall-ħaddiem, bl-aħħar waħda titratta l-ħaddiema b'kuntratt u dawk part time. Imma x'jiswa jekk is-saħħa tal-Unjins tispiċċa?

Fil-każ Laval, il-Qorti Ewropea ħarġet verdett kontra l-unjins Svediżi talli dawn ippressaw ħalli kumpanija mil-Latvja tħallas l-istess paga ta' ħaddiema Svediżi. Din ġiet irrifjutata mill-Qorti Ewropea.

Fil-waqt li fil-każ Viking, il-Qorti ħarġet ukoll verdett kontra l-unjins li ma jistgħux jordnaw strajk kontra kumpanija li rebħet tender u ġabet ħaddiema mill-pajjiż tagħha u ħaddmithom b'inqas paga.

Fil-każ Ruffert, il-Qorti ma ħallitx lill-unjins jimponu kumpanija barranija f'kuntratti pubbliċi biex tħallas għall-inqas il-paga minima ta' dak il-pajjiż.

Fuq livell Ewropew għaddejja kampanja mill-Grupp tax-Xellug flimkien ma' l-ETUC u Movimenti Xellugin li f'Malta Żminijietna - Leħen ix-Xellug tagħmel parti, sabiex it-Trattat ta' Liżbona jiġi rtirat u emendat mill-ġdid.




# It-18-il Kungress tal-Partit Kommunista Portugiż

Victor Degiovanni

It-18-il-Kungress tal-Partit Kommunista Portugiż sar bejn id-29 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru ta' l-2008 ġewwa Liżbona. Il-Kungress beda x-xogħol tiegħu billi ddiskuta t-teżi preżentata. Din kienet analiżi tax-xogħol siewi imwettaq bejn is-17-il kungress u dak li kien msejjaħ din id-darba. Jien kont qiegħed hemm nirrappreżenta lill-Partit Kommunista Malti

Fost affarijiet oħra din it-teżi kienet qed iġġib għall-attenzjoni il-kriżi kapitalista preżenti fejn l-isferi kollha tal-ħajja soċjali qiegħdin ikunu kkummerċjalizzati u privatizzati. Kull ħaġa li tista tħalli ritorn fuq il-kapital bħal Saħħa, Edukazzjoni, Sigurta' Soċjali u Kultura, kif ukoll neċessitajiet għall-eżistenza umana bħal ikel, ilma u ambjent qiegħdin ikunu mibdula f'negozju b'modi ta' produzzjoni kapitalisti li qed jirriżultaw f'diżastri għall-ambjent.

L-isfruttament tal-klassi tal-ħaddiema qed tiġi ntensifikata bl-iskop li l-klassi kapitalista taħtaf porzjon akbar tal-valur miżjud u b'hekk tkabbar il-profitti. L-oġġettivi ta' din l-offensiva huma l-istaġnar, it-tnaqqis fil-pagi reali u t-tneħħija tar-regoli dwar il-ħinijiet tax-xogħol. B'hekk l-istess ħinijiet ikunu jistgħu jiżdiedu.

Għanijiet oħra huma ż-żieda fl-eta' ta' l-irtirar u fl-istess ħin it-tnaqqis fil-pensjonijiet, kemm dawk ta' l-irtirar kif ukoll dawk ta' diżabilita. L-Attakk fuq bażi ta' klassi immirat lejn it-Trejdjunjins, bil-miri li jfarrku il-ftehim kollettiv. Dawn huma l-espressjonijiet ta' l-offensiva imperjalista u tal-korporazzjonijiet multinazzjonali.

Ir-rinfurzar tal-Unjoni Ewropea bħala blokk imperjalista mingħajr ebda stima tal-kuntradizzjonijiet tal-proċess ta' l-integrazzjoni kapitalista, inkixfet aktar aħjar bħala biċċa għodda tan-negozjanti l-kbar Ewropej u l-potenzi l-kbar, u sfaxxat għal kollox iż-żewġ ideat ċentrali li bihom iridu jidħku bil-masses.

Waħda li bl-integrazzjoni kapitalista ta' l-Ewropa ixxejjen l-eċċessi tal-globalizzazzjoni, u li l-politika barranija u s-sigurta' komuni sejra tagħmel l-Ewropa aktar imħarsa. Imma li qiegħed jiġi b'pass sorprendenti hu l-intensifikar u l-irfinar ta' politika neo-liberali sabiex tkabbar l-isfruttament u l-poter tal-kapitalist il-kbir.

# Kif ħarsu lejn ir-reliġjon missirijiet il-Marxiżmu

**minn**
**Andre' D'Amato**

Huma ħafna dawk familjari mall-kliem ta' Karl Marx fejn irrefera għar-Reliġjon bħala l-loppju tal-massa. Iżda għalkemm ovvjament kritiku tar-reliġjon, l-interpretazzjoni tiegħu għal dan il- fenomenu mhix sempliċi daqs kemm tidher.

Marx jagħraf kontradizzjoni ewlenija fir-reliġjon, fejn fit-tbatija tar-reliġjon issib it-tbatija vera tal-poplu u fl-istess ħin il-protesta kontra din it-tbatija. Jgħidilna ukoll li r-reliġjon waqt li hija l-għajta tal-bniedem oppressat hija wkoll ir-ruħ għall- kundizzjonijiet tiegħu. Marx ma jqisx ir-reliġjon bħala marda, iżda bħala sintomu fir-realta' wiesgħa, tajjeb ngħidu wkoll li fis-seklu dsatax il-loppju kien użat fil-mediċina bħala kalmant tal-uġigħ, u ma kienx marbut ma' ħolqien ta' stat ta' dellużjoni. B'hekk nistgħu ngħidu li Marx iktar iqis ir-reliġjon bħala l-entita' li tagħmel l-uġigħ tal-bniedem oppressat iktar sapportabli, milli bħala l-entita' li toħloq tip ta' dillerju alluċinattiv tal-poplu.

Ħafna huma dawk li jikkategorizzaw lil Marx bħala neo-Hegelian tax-Xellug (li għarfu lir-reliġjon bħala aljenazzjoni tal-bniedem) iktar milli wieħed minn tal-filosofija tal-illuminiżmu (li sempliċiment qisuha bħala konġura tal-kleru). Iktar minn hekk, il-kitba tiegħu 'Kritika tal-Filosofija tad-Dritt ta' Hegel – 1844', titqies bħala pre-Marxista għaliex ma jagħmilx referenza għall-klassijiet soċjali u l-analiżi ma tagħtix importanza lejn l-istorja. Madanakollu, Marx xorta joħroġ il-kwalitijiet tad-djalettika fejn jagħrfilna l-karattru doppju tar-reliġjon, kemm bħala l-leġittimizzazzjoni tal-kundizzjonijet miżeri preżenti u fl-istess ħin protesta kontra dawn il-kundizzjonijiet.

Għal Marx ir-reliġjon flok tgħin sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-bniedem oppressat, iktar ittellef, ir-raġunijiet nistgħu nissimplifikawom f'erba' karreteristiċi tar-reliġjon:

-Salvazzjoni mill-miżerja, faqar u l-esplojtazzjoni se ssir fil-ħajja mwiegħda ta' wara l-mewt
-Twiegħed lin-nies li se jigu mpattija ta' dak li għamlu wara mewthom
-Toffri speranza li b'intervent sopranaturali jistgħu jissolvew il-problemi ta' din id-dinja
-Ħafna drabi tiġġustifika l-ordni u l-klassi soċjali li persuna jinsab fiha

Tajjeb ngħidu li l-Marxiżmu klassiku ma jimponix li r-religjonijet iridu jkunu suppressati bħala kundizzjoni primarja għall-emanċipazzjoni soċjali. L-għan ta' Marx u Engels ma kienx li jitneħħa r-reliġjon iżda li jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-estinzjoni tiegħu. Il-kwistjoni mhix li tipprojbixxi l-loppju lin-nies, jew li żżomm lill-ivvizzjati tiegħu, iżda li twaqqaf r-relazzjonijet privileġġjati li jżommu dawk li jinnegozjawh bejn dawk li jżommu l-poter, sabiex jitnaqqsu l-effetti tiegħu fuq l-imħuħ tan-nies.

Indur għal Friedrich Engels, dan jagħti iktar importanza lill-pożizzjoni storika minn Marx fejn janalizza r-relazzjoni tar-reliġjon mall-għieda tal-klassijiet. Apparti mill-polemika filosofika tal-materjaliżmu kontra l-idealiżmu, Engels huwa interessat li jispjega l-formazzjoni soċjali u storika tar-reliġjon; għalih ir-reliġjon mhix entita' separata mill-ħin u ż-żmien, iżda sistema kulturali li tiġġedded u tiżviluppa mall-perjodi storiċi.

Jagħrfilna li fis-sistema tas-skjavitu' r-reliġjon kienet marbuta mat-twemmin ta' l-iskjavi, wara żviluppat bħala l-ideoloġija tal-istat tal-imperu Ruman, iktar 'l quddiem ġiet immudellata fuq il-ġerarkija fewdali u finalment addattat sabiex taqdi l-interessi tas-sistema borgiża (tal-klassi ta' fuq). B'hekk Engels jinterpreta r-reliġjon bħala forza simbolika li tiżviluppa b'forzi soċjali antagonisti għal xulxin; eżempju fis-seklu sittax kellek it-teoloġija fewdali kontra l-protestantiżmu borgiż u l-eretiċi tal-proletarjat.

Engels jinterpreta r-relġijon bħala xejn ħlief purtiera fuq l-interess tal-klassijiet f'forom differenti ta' twemmin. Iżda, b'mod differenti mill-ħassieba tal-perjodu ta' l-illuminiżmu għaraf li l-kleru ma kienx entita' soċjali ħomoġenika, iżda f'ċertu perjodi storiċi nqasam skont il-kompożizzjoni tal-klassijet tiegħu.

Bħal fir-Riformazzjoni Protestanta tal-Knisja fis-seklu 16, fuq naħa kien hemm il-kleru ta' fuq li kien fil-ponta tal-ġerarkija fewdali u fuq in-naħa l-oħra kellek il-kleru ta taħt, li dan ta' l-aħħar issuplixxa l-idejat għar-riformazzjoni u għal moviment revoluzzjonarju tar-raħħala.

Għal dawk interessati fuq is-suġġett, arkivju elettroniku ta' ħafna mix-xogħlijet ta' Marx u Engels relatati mar-reliġjon jista' jinstab fuq: http://www.marxists.org/archive/marx/works/subject/religion/

andre.damato@gmail.com

# Kif timla' spazju vojt

**minn Reno Cardona**

Agħmel eżerċizzju żgħir miegħi. Ġib quddiem għajnejk spazju vojt, mhux kbir, imma vojt, fid-daħla tal-belt kapitali ta' pajjiż li wkoll żgħir imma li bl-ebda mod m'hu vojt. Anzi, dan pajjiż ippakkjat bil-bini antik u ġdid, it-toroq, il-karozzi u n-nies li jaslu sa kull xatt.

Iva, kif indunajt, din gżira, u l-gżira hi Malta. Issa, immaġina li int ċittadin li tħossok irrappreżantat mill-figuri pubbliċi li jgħidu li fil-fatt jirrappreżentawk: politiċi, ġurnalisti, kittieba, nies fix-xandir, nies fuq bordijiet imwaqqfa mill-gvern u oħrajn. Inti tisma' x'għandhom x'jgħidu dawn kollha dwar kif dak l-ispazju żgħir fid-daħla tal-belt kapitali għandu jimtela', imma tħoss li wħud minn dawn il-figuri pubbliċi, speċjalment dawk li għandhom id-deċiżjonijet f'idejhom, għandhom bżonn jimlew vojt ieħor qabel dak tal-belt kapitali.

Matul dawn l-aħħar ġimgħat id-dibattitu dwar x'għandu jsir fis-sit tad-Dar Rjali tal-Opri l-Belt kien qawwi. Min ikkontribbwixxa għad-diskussjoni ppreżenta bosta perspettivi u offra ħafna ideat differenti. Dawn l-ideat jistgħu jinqasmu bejn wieħed u ieħor f'żewġ kampi: dak li jaqbel mad-deċiżjoni tal-Gvern li s-sit jilqa' l-Parlament illi għandu jitlaq mill-bini tal-Palazz, u ieħor li jħoss li din id-deċiżjoni ntlaħqet b'nuqqas ta' sensittività għall-bżonnijiet tal-Belt, partikolarment dawk artistiċi u kulturali.

Ħafna aspetti tad-dibattitu kienu validi. Ikolli ngħid li min tkellem favur li s-sit isir dak tal-Parlament billi uża argumenti favur it-tqarrib tal-poter politiku lejn iċ-ċittadin u aktar viżibilità u għalhekk trasparenza tal-operat tal-Parlament laqatni. Madanakollu, għalkemm li jinbena' il-Parlament fis-sit tad-Dar Rjali tista' tkun idea tajba, propju għall-mod kif ma ġiex diskuss dan l-aspett fl-iżvilupp tal-Belt, din l-istituzzjoni politika li tħaddan fiha l-gvern ma ħaqqhiex u ma missiex tieħu post prinċipali daqskemm pożizzjoni aktar imbiegħda li tirrefletti n-nuqqas ta' ftuħ u relazzjoni mill-viċin maċ-ċittadini.

Mill-banda l-oħra, min ippropona li dan is-sit jilħaq il-potenzjal tiegħu billi jservi ta' ċentru tal-arti, partikolarment tal-opra u tat-teatru, ukoll għamel każ tajjeb. Madankollu, kellu jiffaċċja l-argument li fil-Belt diġà jeżistu numru ta' siti ddedikati għall-kultura, fosthom teatri; fuq kollox, iċ-Ċentru għall-Kreattività l-Kavallier ta' San Ġakbru qiegħed żewġ passi bogħod mis-sit innifsu. Filwaqt li argument a bażi tal-kwantità ta' siti kulturali huwa diffiċli biex jintrebaħ, dak marbut mall-funzjoni ta' dawn il-binjiet u l-viżjoni tagħhom huwa differenti għal kollox.

Filwaqt li swali għat-tijatru jeżistu ma' Malta kollha, inkluż il-Belt, sal-lum il-ġurnata l-istat naqas milli jinvesti b'mod serju fl-isfrastruttura u fit-taħriġ tat-tijatru kontemporanju li, fost l-oħrajn, ma jistax jittella' fi swali bħal dawk tat-Teatru Manwel jew iċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi.

U filwaqt li l-Kavallier ta' San Ġakbu għandu teatru, dan, bħall-bqija tal-bini rristrutturat taċ-ċentru, għandu karatteristiċi partikolari li ma jilqax ħafna forom kontemporanji ta' teatru. Barra minn hekk, it-teatru mhuwiex biss il-palk u l-awditorju, iżda l-istruttura u l-infrastruttura kollha li jmorru magħhom. Għalhekk, kif ilu jiġi diskuss is-snin mill-prattikanti tat-tijatru f'Malta, ċentru tat-tijatru għandu joffri anke l-ispazji fejn l-atturi, il-professjonisti tat-tijatru u l-istudenti ta' din l-arti jistgħu jaħdmu u jibnu l-kreazzjonijiet tagħhom.

L-argumenti tal-komunità artistika ma kinux limitati għat-tijatru. Oħrajn, fosthom il-kantant tal-opri Joseph Calleja, appoġġja l-idea ta' dar ta' l-opri fil-Belt, hekk kif għandhom ħafna bliet kapitali mad-dinja kollha. Oħrajn ipproponew li l-bini l-ġdid jgħaqqad din il-funzjoni ma' oħrajn billi jinkludi spazju kreattiv u interattiv għall-artisti u ż-żgħażagħ li jipprattikaw varjetà ta' forom artistiċi. Ta' min ukoll isemmi s-suġġerimenti li jiġi stabilit mużew tal-arti moderna – li f'Malta huwa nieqes – jew librerija moderna, kif ipproponiet il-MaLIA (Malta Library and Information Association).

Filwaqt li minix ser nagħmel suġġerimenti oħra jew nagħti appoġġ favur idea u mhux oħra, nixtieq nikkonkludi billi nirrefletti fuq il-fatt li r-reazzjoni b'saħħitha għad-deċiżjoni tal-Gvern turi mill-anqas żewġ affarijiet: l-ewwel, li ħafna ċittadini m'apprezzawx la l-mod kif ittieħdet din id-deċiżjoni u l-anqas id-deċiżjoni nnifisha; u t-tieni, li hemm ħafna nuqqasijiet fix-xena kulturali li l-komunità artistika u ċ-ċittadini in ġenerali ilhom iħossuhom u għalhekk jaħsbu li dan l-ispazju prezzjuż għandu jiġi użat biex ftit minn dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati. Jalla li din ir-reazzjoni ikollha impatt fuq l-implimentar tad-deċiżjoni tal-Gvern li jista' jieħu din l-opportunità biex jimla' vojt mhux biss b'bini ieħor imma b'viżjoni.

# Żgħażagħ Maltin ġewwa Kuba

Għat- tielet sena konsekuttiva fis-sajf li ġej l-Għaqda Malta-Kuba sejra tipparteċipa fil-Brigata Jose Marti f'Caimito, Havana - Kuba. Din l-attivita' annwali tgħaqqad 'l fuq minn mija u ħamsin żagħżugħ Ewropew sabiex f'esperjenza ta'xogħol volontarju, diskussjonijiet, ħarġiet turistiċi u ambjentali, żjajjar industrijali u soċjali, visti fi skejjel u universitajiet, konferenzi, żjajjar fi provinċji oħrajn bħal Cienfuegos u Santa Klara.

F'atmosfera żagħżugħa ta' żfin u kant, f'kultura Latina, jesperjenzaw ir-realta' Kubana b'mod uniku u differenti flimkien ma' parteċipanti minn 'l fuq minn għoxrin pajjiż Ewropew.

Dawk interessati u għal aktar informazzjoni jistgħu jagħmlu kuntatt mal-Għaqda Malta Kuba billi jibagħtu imejl lil commando@maltanet.net jew iċemplu fuq 79283716 jew iżuru s-sit elettroniku: www.maltacuba.org

# Il-Vapuri li Joqtlu
## - Moviment Graffitti

Ix-xena ta' vapuri tal-gwerra barranin ħerġin u deħlin fil-Port il-Kbir saret komuni ħafna. Iżda l-Moviment Graffitti għadu jemmen bis-sħiħ fl-importanza li jkun hemm oppożizzjoni għal dawn iż-żjarat, li ma huma xejn ħlief propaganda minn ċertu pajjiżi biex juru s-saħħa militari tagħhom. Dan deher biċ-ċar meta kien hawn il-USS Barry, destroyer kbir Amerikan, li għamel xi ġimgħa fil-port u li miegħu kien hemm kampanja ta' ftaħir dwar il-qawwa Amerikana. Din kienet tinkludi wkoll recepetion għal dinjitarji Maltin fuq dan il-vapur; reception li aħna morna għaliha u ftaħna banner bil-kitba 'Warships Kill' filwaqt li urejna ritratti ta' nies maqtula u midruba fil-gwerra.

Kien ta' dispjaċir kbir għalina li naraw dinjitarji Maltin jieħdu sehem f'ċerimonji fuq dan il-vapur militari. Bl-azzjoni tagħhom dawn in-nies qegħdin japprovaw il-politika tal-vjolenza u jpoġġu lil pajjiżna kompliċi fi gwerer. Fil-mument li dawn in-nies kienu qed jiddevertu fuq dan il-vapur armat sa snienu, ħafna nies oħra qed ibatu l-konsegwenzi ħorox ta' gwerer inġusti li jsiru biex jiddefendu l-interessi ta' ftit nies.

Għalhekk il-Moviment Graffitti jemmen illi pajjiżna qiegħed jagħti messaġġ ferm negattiv meta jilqa' vapuri tal-gwerra. Dan meta l-Kostituzzjoni Maltija tgħid mhux biss li pajjiżna huwa newtrali, iżda wkoll li għandu attivament jaħdem għall-paċi. Aħna nistaqsu: kif qatt pajjiż jista' jaħdem favur il-paċi meta huwa stess qiegħed jilqa' fi ħdanu makkinarji tal-gwerra li jħallu eluf ta' mwiet innoċenti kull sena?

Wieħed jista' ukoll jinnota li meta jidħlu dawn il-bastimenti tal-gwerra dejjem jingħad li l-azzjonijiet tagħhom huma marbutin ma' affarijet bħall-*'ħidma umanitarja', 'il-ġlieda kontra d-droga'* jew *'il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari'*, biex b'hekk jinħeba l-fatt li l-iskop ewlieni tagħhom jibqa' dak li jipparteċipaw fi gwerer. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li ħafna minn dawn il-bastimenti li qed jiġu fil-portijiet Maltin ħadu sehem attiv fil-gwerra u l-okkupazzjoni ta' l-Iraq. Meta qed nilqgħu dawn il-vapuri mimlijin armi tal-gwerra f'artna aħna qed inkunu kompliċi f'dawn it-tip ta' gwerrer għaliex inkunu qed naċċettaw il-validita' ta' dawn il-kunflitti vjolenti.

# Ħidma flimkien fis-Soċjeta` Ċivili

### Rapport dwar diskussjoni organizzata minn Żminijietna

Id-diskussjoni dwar ħidma flimkien fis-soċjeta' ċivili seħħet fil-15 ta' Novembru 2008, u kienet l-għaxar minn sensiela ta' diskussjonijiet pubbliċi dwar temi politiċi u soċjali li qed jiġu organizzati minn Żminijietna.

F'din id-diskussjoni, attendew bosta kelliema li huma msieħba ta' għaqdiet u partiti bħal Żminijietna – Leħen ix-Xellug, Alternattiva Demokratika, Ramblers' Association, l-Għaqda Malta-Kuba, Alleanza Liberali, Moviment Graffitti, Gioventu' Democratica Nazionalista, Grupp Universitarji Għawdxin u Kampanja għall-Ħelsien Nazzjonali.

Id-diskussjoni ġiet immexxija mill-ġurnalist Kurt Sansone, li qajjem punti varji dwar il-ħidma fis-soċjeta' ċivili. Fost affarijiet oħra, huwa saqsa jekk l-għaqdiet non-governattivi humiex lesti jaħdmu ma' partiti politiċi. Saqsa ukoll jekk l-għaqdiet mhux governattivi humiex jgħinu biex jonqos il-partiġġjaniżmu politiku u jekk l-għaqdiet humiex lesti jirrakkomandaw lil min wieħed għandu jivvota f'elezzjonijiet bħal tal-Kunsilli Lokali. Barra minn hekk, saqsa jekk l-għaqdiet humiex lesti jilħqu iktar lis-soċjeta' ċivili, mhux biss permezz ta' ittri fil-gazzetti, iżda, fost oħrajn, billi jaħdmu flimkien b'mod konkret.

Mario Mifsud ippropona li ssir analiżi storika ta' l-għaqdiet tas-soċjeta' ċivili. Qal li jeħtieġ li l-għadiet għandhom ikunu hemm għall-membri u mhux għall-persuni individwali. 'Fl-istess ħin, jeħtieġ li ninqatgħu mill-qasma f'pajjiżna ta' kollox tajjeb jew kollox ħażin'. Mifsud saħaq li Alternattiva Demokratika imissha tagħti viżibilta' lill-għaqdiet mhux governattivi kontra s-sistema ta' poter.

David Pisani innota t-tendenza li organizazzjonijiet ikollhom strutturi u mexxejja li jibqgħu hemm għal żmien twil. Filwaqt li saqsa jekk hijiex prassi demokratika, saħaq li hemm bżonn demokratizzazzjoni ta' l-istrutturi ta' dawn l-organizazzjonijiet. Pisani innota li qed jiżdied is-settarjaniżmu fost għaqdiet ambjentali, unjins u għaqdiet universitarji fost oħrajn. Iżda il-verita' hi li għaqdiet għandhom x'jirbħu billi jaħdmu flimkien. 'Għaqdiet bħall-Żminijietna u Graffitti jistgħu jagħtu kontribut lill-għaqdiet ambjentali f'affarijiet bħal tagħrif soċjoloġiku', 'Bosta għaqdiet inbelgħu mill-istituzzjonijiet', saħaq Pisani u qal li n-nuqqas ta' kritika ta' xi għaqdiet ta' l-ambjent lejn il-mod xejn konsultattiv ta' kif il-Gvern appunta l-kumitat dwar it-tibdil fil-klima huwa eżempju ta' dan.

David Pisani innota ukoll li hemm għaqdiet li qed jidħlu fl-għalqa ta' ħaddieħor u li ħafna qed jaħdmu għal rashom. Minkejja li hu pożittiv li l-għaqdiet jistgħu jakkwistaw fondi mill-Unjoni Ewropea, dan qed jgħin biex dawn il-problemi jikbru. Pisani appella sabiex l-għaqdiet jaħdmu flimkien permezz ta' alleanzi.

Joe Agius qal li hija inevittabli li l-kariżma tal-mexxejja ikollha effett. L-istess jingħad għall-effett tal-media. Barra minn hekk, l-għaqdiet għandhom problema jsibu attivisti li għandhom biżżejjed ħin. Chris Mizzi qal li s-soċjeta' ċivili tmur oltre' mil-Lemin u Xellug politiku. Żied li l-għaqdiet għandhom l-istrutturi tagħhom u li xi mexxejja għandhom saħħa anke fil-media. Mizzi żied li l-Moviment Graffitti ipprova jagħmel struttura iktar demokratika billi jkun hemm 'rotating chairperson', iżda l-istituzzjonijiet huma strutturati b'mod li jagħmlu pressjoni biex l-għaqdiet ikunu riġidi fl-istrutturi tagħhom.

Michael Briguglio qal li fl-għaqdiet tas-soċjeta' ċivili teżisti djalettika bejn il-prinċipji ta' l-għaqda u l-valuri tan-nies fis-soċjeta'. Osserva ukoll li jista' jkun hemm il-periklu ta' burokratizzazzjoni u istituzzjonaliżmu żejjed li permezz tagħhom l-għaqdiet isiru inqas demokratiċi u jiġu nkorporati fl-istituzzjonijiet ta' l-istat. Briguglio qal li filwaqt li fil-Front Kontra l-Golf Kors kellek diversita' sħiħa ta' għaqdiet tas-soċjeta' ċivili, xi għaqdiet illum huma inqas disposti li joħolqu alleanzi ma' oħrajn.

Michael Camilleri qal li l-akbar problema li għandha x'taqsam ma' ħidma flimkien fis-soċjeta' ċivili hi dik tal-partiġjaniżmu politiku. Semma' l-kwistjoni tal-unjins tal-ħaddiema bħala eżempju ta' dan.

Alfred Vella qal li filwaqt li l-għaqdiet non-governattivi qed jagħtu kontribut lis-soċjeta', teħtieġ iktar koperazzjoni bejn l-għaqdiet fejn dawn jaqsmu l-informazzjoni bejniethom u ma jeskludux ċertu kwistjonijiet mill-ħidma tagħhom. Qal li l-mexxejja ta' l-għaqdiet għandhom ikunu b'saħħithom iżda fl-istess ħin, il-membri m'għandhomx iħalluhom jisfruttaw lill-għaqda. Vella qal li Żminijietna Leħen ix-Xellug tista' taħdem kemm ma' partiti politiċi kif ukoll ma' għaqdiet non-governattivi.

Arnold Cassola qal li s-soċjeta' ċivili f'Malta għandha xi karatteristiċi simili għal ta' pajjiżi oħrajn u karatteristiċi oħra li huma partikolari għal pajjiżna. Per eżempju, hemm tendenza li għaqdiet kbar għandhom ħabta li jaħdmu flimkien u jeskludu għaqdiet iżgħar. Il-kwistjoni tal-personalitajiet dominanti tinħass iktar minn barra u l-istess jingħad għal pożizzjonijiet li jieħdu l-għaqdiet vis-à-vis partiti. Dwar din ta' l-aħħar, Cassola semma' kif għaqdiet ambjentali f'pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea jagħmlu pressjoni fuq kandidati politiċi u jsaqsuhom għall-opinjonijiet tagħhom biex imbagħad jgħidu liema kandidati u partiti huma l-iktar konxji f'affarijiet ekoloġiċi. F'Malta, l-għaqdiet iħossuhom mhedda mill-pariti.

Cassola tkellem ukoll dwar il-fondi li jirċievu l-għaqdiet mill-UE u mill-Gvern Malti. 'Filwaqt li dan hu pass pożittiv, min-naħa l-oħra dan jista' jorbot lill-għaqdiet. Ninnota ukoll li filwaqt li l-Gvern jgħin lill-għaqdiet kbar b'impjegati, dan ma jsirx ma' għaqdiet iżgħar'. Għalhekk, teżisti dikotomija bejn għaqdiet kbar u dawk żgħar. Arnold Cassola fakkar ukoll li Alternattiva Demokratika għamlet l-almu tagħha biex għaqdiet żgħar jiġu inklużi fil-MEUSAC, il-kumitat nazzjonali Malti li jiddiskuti proposti li ġejjin mill-Kummissjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, il-pressjoni ta' AD kellha riżultat pożittiv.

John Zammit qal li għaqdiet li jittrattaw kwistjonijiet bħad-divorzju bħall-Alleanza Liberali isibu ħafna xkiel minn bosta setturi tal-media, b'eċċezzjoni għal gazzetti bħall-Malta Today u Illum. Bħala eżempju, qal li l-PBS ma rraportax aħbar importanti bħal dik dwar iż-żjara ta' politiku Liberali Daniż. Zammit qal li għaqdiet bħal dawn isibuha diffiċli biex jieħdu fondi mill-istat, iżda fl-istess ħin qal kif irċieva formola tat-taxxa.

Edric Micallef Figallo spjega kif hu ġej mill-kamp lemini - mill-għaqda Gioventu' Democratica Nazionalista – u li hu inspirat mill-ħsibijiet politiċi bħal Nerik Mizzi u Herbert Ganado. Qal li hemm ħafna konformita' ġewwa l-partiti politiċi, iżda fl-istess ħin, l-għaqdiet non-governattivi huma karatterizzati minn diversita' u vuċijiet differenti. Semma' l-ħtieġa ta' iktar komunikazzjoni u qal li teżisti l-problema tat-tiċpis, fejn wieħed jiċċappas ma' partit anke jekk jaqbel ma' pożizzjoni waħda tiegħu.

Anthony Briffa qal li l-problema tat-tiċpis laqtet lill-Għaqda ta' l-Universitarji Għawdxin, fejn l-eżekuttiv preċedenti kien jiġi ttimbrat bħala wieħed li jxaqleb lejn il-P.N., filwaqt li dak preżenti qed jiġi ttimbrat li jxaqleb lejn il-P.L.

Henry DeMarco qal li l-ikbar kwistjoni għall-għaqdiet tas-soċjeta' ċivili hi l-bżonn ta' għaqda biex tiġġieled l-Unjoni Ewropea.

Andre' Callus tkellem dwar numru ta' problemi u sfidi li jsibu ma' wiċċhom l-għaqdiet mhux governattivi. Dawn jinkludu r-riżorsi, speċjalment jekk membri jkollhom xogħol ieħor; u diskors, li kemm il-darba jiġi ssimplifikat fil-media, fejn tiġi mibnija stampa ta' 'favur' jew 'kontra'. Callus qal li meta l-Moviment Graffitti tkellmu dwar l-immigrazzjoni f'ċentri taż-żgħażagħ, id-dibattitu kien milqugħ, għax kien hemm l-ispazju fejn dan iseħħ b'mod tajjeb.

F'dan id-dibattitu ħarġu bosta punti interessanti, iżda fuq kollox, kien hemm rieda minn dawk preżenti sabiex ikun hemm iktar ħidma flimkien. Nittamaw li dan iseħħ!

# Għal ħobżna ta' kuljum

### jikteb Steve Borg

Ir-realtà ta' kuljum turina li l-ħajja tagħna hija ħafna drabi miżgħuda b'inġustizzji, li nkunu rassenjati nieħdu bħala l-ordni naturali. Ftit ġimgħat ilu tħabbar li mitejn u għoxrin ħaddiem tat-tarzna ingħataw kumpens ta' flus, wara l-intervent tal-General Workers Union, minħabba li sofrew danni f'saħħithom minħabba l-kankru msejjaħ *mesothelioma*. Dan kien trabba wara li kienu esposti għall-asbestos fuq vapuri Amerikani fit-tarzna ħafna snin ilu. Illum l-Ewropa hija konxja mis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiem.

Imma jidher li dak li mhux tajjeb għall-Ewropa huwa tajjeb għall-Ażjatiċi. Waħda mill-aktar affarijiet inġusti hija t-tqassim tal-ġid naturali bejn il-popli u l-esplojtazzjoni sfaċċata ta' popli foqra u batuti. Li kieku twelidna max-xatt ta' xi xmara Ażjatika, kien ikollna ħajja kważi kkundannata nfittxu mpjieg naħdmu ġewwa xi ħanut tat-tessuti, niżirgħu r-ross jew inqattgħu l-vapuri tal-azzar għall-iskrap bħala għixien. Tiftakruh il-każ tal-fabbrika tal-kimika Amerikana Union Carbide f'Bhopal, l-Indja, meta fl-1984 nixxa' likwidu tal-pestiċidi li qatel mal-għoxrin elf ruħ.

Każ qisu jixbaħ lill-każ tat-tarzna ta' Malta qed iseħħ fil-belt ta' Chittagong. Din hija t-tieni l-akbar belt tal-Bangladexx, magħrufa sew bħala ċ-ċimiterju ta' ħafna vapuri kbar li jittieħdu hemm biex jitqattgħu. Minħabba n-nuqqas kbir ta' xogħol fil-pajjiż, il-ħaddiema jkollhom jaċċettaw jaħdmu mingħajr protezzjoni għal saħħithom. Imutu bħad-dubbien u qisu qatt ma kien xejn.

Fl-2004, l-*aircraft carrier* Franċiża Clemenceau kienet se tintbgħat f'Alang, l-Indja biex tiġi skrapjata. Wara l-protesti tal-Greenpeace li tkellmet dwar il-perikli tal-asbestos, merkurju u materjal tossiku, din ġiet ordnata biex tirritorna lejn Franza mill-President Jacques Chirac. Is-Soċjalisti Franċiżi kienu akkużawh li filwaqt li Franza trid tgħallem id-dinja dwar il-ħarsien ambjentali, imbagħad tibgħat vapur ġgantesk mgħobbi materjal tossiku lill-Indjani. Is-saga ta' dan il-vapur ma waqfitx hawn, peress li ħaduh f'Hartlepool l-Ingilterra biex is-seba' mitt tunnellata tal-asbestos jitneħħew mill-kumpanija Able UK, taħt il-monitoraġġ tal-liġijiet stretti tas-Saħħa u Sigurtà Ingliżi.

Sentejn ilu żort Hartlepool. Hija belt sajma mill-kummerċ u x-xogħol, b'hekk il-wasla tal-vapur u oħrajn bħalu qed jagħti tama ġdida li min hu qiegħed. U dan minkejja l-periklu. Tliet kittieba li kkummentaw ħafna fuq il-qagħda soċjali f'pajjiżhom u li nqabbel ma' xulxin huma Juan Mamo, l-Indjan R.K. Narayan u l-Ingliż Alan Sillitoe. L-inġustizzji mal-foqra u t-tbatijiet tagħhom dejjem kienu ċ-ċentru tal-ħsibijiet tagħhom. Ikun xieraq li taqraw il-kitbiet tagħhom u taraw l-analoġija tal-esplojtazzjoni tal-batut li għal ħobżna ta' kuljum jispiċċa jagħmel kollox.

*Is-Sur Borg sejjer jikkontesta l-elezzjoni tal-PE f'Għunju li ġej f'isem il-Partit Laburista.*


Kopri

Project History

Kopri Koperattiva Ltd is launching a project of historic writings and studies. The first publication is **"Napoleon's Maltese Legion"**. Richard Mifsud traces the grim story of some 400 Maltese soldiers taken by General Napoleon Bonaparte after the capture of Malta to Egypt and formed into the ***Legion Maltaise*** which fought in the Battle of the Pyramids and others battles. A number of other Maltese soldiers ended up in France where the Depot de la Legion Maltaise was set up.

Kopri koperattiva was set up to train members in dtp and editorial writing and can provide all services relating to publishing, printing, web design and web hosting.




***Enquiries: mifsud.richard@yahoo.com - tel: 9928 1575 - jimmy@frogbat.com or fax no. 21 223537***

# Misreading history

**James Debono**

Many people's reaction to the destruction of Gaza was a resigned silence in front of what they perceived as a tragedy in which both Israelis and Palestinians are victims of a sort of "misfortune" or "curse." In fact the impunity which rewards Israeli war crimes is based on a misreading of history which considers Israel as continuation of uninterrupted Jewish presence in Palestine and the Palestinians as a "people without history".

This reading of history ignores the fact that Jews were an integral part of Europe for thousands of years before a "a homeland for the Jews" was artificially transplanted by Bristish colonialism on land which already belonging to the Arabs. Surely the pretext for this unprecedented act in history was the pogroms, expulsions and genocides perpetuated against the Jewish people by obscurantist European governments and institutions throughout the past millennium.

Yet equating Jewish identity with identification with a state set in the Holy Land is an ideological creation dating back to the nineteenth century. Not all Jews identified with the sort of zionism which defied any distinction between politics and religious belief. Therefore any reading of history which ignores the fact that a massive injustice was committed in 1948 when thousands of Arabs were driven from their homeland is fundamentally unjust. As the late Palestinian intellectual Edward Said observed "I see no way of evading the fact that in 1948 one people displaced another, thereby committing a grave injustice" and that since than "the Palestinians, has borne a disproportional share of the pain and loss."

It was this misreading of history which led to an unbalanced peace agreement in Oslo in which the Palestinians were given token authority over two geographically separate entities: an over crowded strip of land called Gaza and the West Bank which also contains most Jewish settlements. In 2000 Ehud Barak came to the point of offering the Palestinians an independent state on 20% of the total land of Palestine. After being humiliated in Oslo, Arafat had the dignity of saying no to this indecent proposal and to call for the second intifada. Arafat died still branded a terrorist by Israel and George Bush but with his dignity intact.

Instead of rewarding the Palestinian leadership for accepting an unequal peace, Israel continued enlarging the settlements and proceeded with building an illegal wall passing through Palestinian lands. The humiliation of the secular Fatah contributed to the growth of the intransigent Hamas who were originally tolerated and promoted by Israel as a counter weight against secular and socialist Arab nationalism.

The current war in Gaza represents the end of the Oslo illusion; the end of humiliating agreements in which Palestinians are segregated in enclaves just as the black south Africans were set apart in Bantustans (homelands) as part of the policy of apartheid. For in the Bantustans the Zulu chiefs were rewarded by the trappings of royalty in return for their allegiance to the racist state.

Surely there can be no peace if the Palestinians do not give up on a full restoration of Arab Palestine, which is an unrealistic option. Because they are the weaker party, the losers, doing this is giving up on their own history. But ignoring the reality of millions of grand sons and daughters of the original Jewish migrants who today live in Palestine would create a new injustice. For they are not to blame for the sins of the British colonialists.

Yet acknowledging this reality does not mean accepting the limited controlled sovereignty offered by Israel today. The problem with accepting limited symbolic authority in Oslo back in the mid 1990s was that the Palestinian leadership had given up the two options which restore dignity to Palestinians. These are either the demand that the country and its resources be divided equitably, in proportion to two populations that are equal in size - not 80% to one and 20% to the other, "a dispossession of such iniquity that no self-respecting people will ever submit to it in the long run" according to Tariq Ali. The only other acceptable alternative favoured by Said is a single state for Jews and Palestinians alike, in which the exactions of Zionism are repaired.

There is no other way. For it makes no sense for Israel to continue defining itself as a racial community. It already contains a Christian and Muslim Israeli Arab minority. If Arab refugees are granted the right of return, they will want to go back to Jaffa and Telaviv not Gaza.

In a modern state, all its members are citizens by virtue of their presence and the sharing of rights and responsibilities. Citizenship therefore should entitle an Israeli Jew and a Palestinian Arab to the same privileges and resources. A constitution and a bill of rights thus become necessary for getting beyond Square 1 of the conflict because each group would have the same right to self-determination; that is, the right to practice communal life in its own (Jewish or Palestinian) way, perhaps in federated cantons, with a joint capital in Jerusalem, equal access to land and inalienable secular and juridical rights. Neither side should be held hostage to religious extremists.

Whether such an enlightened solution is still realistic following the war against Lebanon and the brutal attack on Gaza which left Israel with a lot of blood on its hand is very doubtful. In such a scenario a durable truce enforced by UN peace keepers following Israel's full withdrawal from all the land occupied in 1967 (including East Jerusalem) seems to be the most realistic solution.

Whether a Palestinian state set on two separate and third world enclaves standing next to a prosperous first world Israel remains doubtful. What is sure is that terrorism and indiscriminate rocket attacks directed against Israeli civilians have only helped to normalize the occupation, enabling the Israeli government to transform an occupation that has always been about settlement into one premised on security needs.

Palestinians should heed the example of the anti apartheid movement in South Africa which succeeded in "denormalizing" the South African regime despite its strong ties with the US and the UK mainly but not exclusively through non violent resistance and without using the military wing to hurt "white" civilians.

Yet unfortunately following the mass killings in Gaza and the latest demonstration of Israel's impunity, I suspect that instead of re-evaluating a failed strategy, many more Palestinians will be lured by the prospect of death and glory.

# The alternative is Socialism

The head of the Catholic Church in Malta, Archbishop Paul Cremona, in an interview with "Żminijietna - Voice of the Left" urged the "Left" to initiate a public debate "on alternatives to the prevailing economic system", i.e. the neo-liberal capitalist system.

But there is an alternative. It is called Socialism based on the analysis and studies made by a German, Karl Marx, years ago

Within weeks of Mgr Cremona's interview, the 'prevailing economic system' started to implode, to crash. I'm sure that Mgr Cremona's appeal to the Left was not a coincidence. That he has a grasp of the global economic situation and read well the signs which started with the Enron scandal followed by the sub prime scandal in the USA.

However the gurus continued to exalt the neo-liberal economic systems and continued fooling the people who invested money in the system.

With the crash, those owners of capital whose mantra was "no government" rushed caps in hand to government asking for multi-billion dollar handouts, money from the taxpayers.

Outright capitalist governments, like the Bush administration in the US, and centre ones, like the British Labour Government felt they had no choice but go to the rescue of crooks, thieves and plunderers.

They did all sorts of verbal somersaults to avoid words like "nationalisation" and "state control". I have no doubt that they and their minions racked their brains to find "capitalist" solutions to the "capitalist" crisis.

However the only solutions they found were Socialist. Some "light" like Keynesian and others "extreme (sic)" or pure Marxist.

The adopted Keynesian policies which urge governments to spend public money on infrastructure and big projects to absorb the millions losing their jobs and to pump money into the economy to set it rolling.

Other measures were pure nationalisations. Like the nationalisation by the British Government of the Northern Rock Banks. (Incidentally the Northern Rock story reads like the National Bank of Malta saga during the Mintoff government).Billions of taxpayers' money are being pumped into banks with the state taking sahreholding in troubled banks and financial institution.

The French government, under the right wing Sarkozy, has created a new 20 billion euro fund for public equity stake in strategic industries and companies.

Unfortunatly these right and centre goverments are still kowtowing to big business and the banks. They are sayig that the measures they are introducing are temporary and are meant to save the system. That when the situation returns to normal (neo-liberal normal), the enterprises partly or totally nationalised will be returned to private hands. The 'normal' taxpayer who is paying for these rescue operations must realise that this must not happen, that privitisation has led to the benefits of a few and the misery of millions, that state control means that profits revert to the people not to an elite group.

The idea that "state control" is inefficient and that only the private sector can operate efficiently and with profits has bitten the dust.

In what system can a single person, a certain Bernard Madoff, steal over $50 billions from people who trusted him with their money, people who believed that the capitalist system of investments will make them filthy rich?

And he is only the tip of the iceberg. In Japan the ex chairman of a company has been arrested for swindling his clients of $1.4 billions.

The banks and other financial institutions were the flagship of the whole rotten system. These became "casinos" for gambling with money plundered from the man in the street through publicity campaigns that convinced him that he can join the rich elite.

Millions of people lost their jobs, millions lost their savings. Pensions funds disappeared in smoke. And this is only the beginning.

The governments are trying to paper the cracks. They are adopting socialist methods to save the whole rotten neo-liberal system.

A large number of people still do not trust government but want what the government delivers, like health care. Now they want goverment to protect them from banks, to save their homes.

A new generation of political leaders must arise, sweeping away neo-liberal economics and building a new world, no longer based on greed and plunder. The mantra of "giant profits" must be consigned to the dustbin of history.

Mgr Cremona also told Żminijietna that "interesting experiments" were being carried out by Chavez in Venezuela and Lula in Brazil.

One can say without contradiction that these experiments have Marxism at heart. Despite the fierce opposition Chavez and Lula are facing from those who want the status quo where they are the ruling elite, great progress has been made and much of the countries' wealth has and is being distributed widely among the poor and the needy.

It is worth mentioning that the cover story of the US magazine Newsweek (issue dated February 16) was titled "We Are All Socialists Now", saying "in many ways our economy already resembles a European one" and "we will become even more French".

**- richard mifsud**